



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2011/0438(COD)

26.9.2012

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Committee on the Internal Market and Consumer Protection

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-
akkwist pubbliku
(COM(2011)0896 – C7-0006/2012 – 2011/0438(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Birgit Sippel

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar l-akkwist pubbliku għandha rwol deċiżiv fl-ambitu tal-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv [COM(2010) 2020]. L-akkwist pubbliku għandu jipprova dejjem aktar livell għoli ta' okkupazzjoni, kif ukoll għandu jgħin sabiex jintlaħqu għanijiet oħrajn, b'mod partikolari fil-qasam tal-ambjent u l-politika soċjali.

Permezz tal-proposta, il-Kummissjoni tixtieq li min-naħa "żżid l-effiċjenza tal-infiq pubbliku [...] f'termini ta' valur għall-flus", u min-naħa l-oħra tixtieq li toħloq il-possibilità li jsir "użu aħjar tal-akkwist pubbliku b'appoġġ għall-miri soċjali komuni bħall-protezzjoni tal-ambjent, [...] l-impjiegi u l-inklużjoni soċjali u l-iżgurar tal-aħjar kundizzjonijiet possibbli għall-għoti ta' servizzi soċjali ta' kwalità għolja". Dan l-approċċ huwa ta' min jilqgħu. Madankollu, il-proposti tal-Kummissjoni mhumiex estensivi biżżejjed u għadhom wisq mhux vinkolanti, proprju f'dak li jikkonċerna s-sostenibilità soċjali.

Fl-Unjoni Ewropea l-awtoritajiet pubbliċi jiddedikaw madwar 18 % tal-PDG għall-forniment, ix-xogħlijiet u s-servizzi, dan ifisser li r-riforma tar-regolamenti tal-akkwist hija lieva deċiżiva għal aktar sostenibilità fis-soċjetà. Billi dan jitratta flejjes pubbliċi, ir-responsabilità hija partikolarment kbira li l-flus ma jintefqux fuq għanijiet fuq perjodu qasir, iżda li jiġu kkunsidrati bħala investiment fuq perjodu twil fis-soċjetà.

Sabiex jintlaħaq dan il-għan, jeħtieġ approċċ wiesa'. Għaldaqstant, il-punti li ġejjin huma partikolarment importanti:

Il-kriterju dwar il-kostijiet vantaġġjużi għandu jitneħħa mingħajr ma jiġi sostitwit. Il-kriterju dwar "l-offerta ekonomikament vantaġġjuża" toffri biżżejjed flessibilità sabiex tinkorpora magħha wkoll il-prezz ta' offerta. Sabiex it-tifsira ta' "offerta ekonomikament vantaġġjuża" tkun ċara, din għandha tissejjaħ l-offerta "l-aktar ekonomikament vantaġġjuża u sostenibbli" (MEAST).

In-normi applikabbli tax-xogħol u dawk soċjali, mhux biss għandhom jissemmew fil-premessi, iżda wkoll fl-artikoli. Id-dispożizzjonijiet kollha applikabbli fuq il-post tax-xogħol u li huma stabbiliti permezz ta' ftehimiet internazzjonali u regolamenti Ewropej, iżda wkoll permezz ta' leġislazzjoni nazzjonali, arbitraġġ jew ta' ftehimiet kollettivi, għandhom ikunu applikabbli anke f'sitwazzjonijiet transkonfinali.

Barra minn hekk, l-awtoritajiet kontraenti għandu jkollhom il-possibilità jintegraw tipi ta' kriterji soċjali oħrajn fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u/jew fil-kriterji addizzjonali, pereżempju l-ħolqien ta' kundizzjonijiet tax-xogħol għal gruppi żvantaġġjati, opportunitajiet indaqs, aċċess għal miżuri ta' taħriġ vokazzjonali jew il-kummerċ ġust. Sa mill-bidu tal-proċedura għandu jkun jista' jiġi vvalutat jekk l-offerent jistax ukoll jissodisfa dawn il-kriterji. Anke l-kostijiet soċjali esterni marbuta mas-suġġett tal-kuntratt għandhom jiġu inklużi f'dan il-kontest.

Il-kriterji għandhom jiġu intensifikati fil-każ ta' offerti partikolarment baxxi. Huwa biżżejjed li offerta tkun jew 25 % anqas mill-medja tal-offerti ppreżentati, jew 10 % anqas mill-offerta l-baxxa li jmiss sabiex ċertu elementi partikolari jiġu spjegati.

Id-dispożizzjonijiet għas-sottokuntrattar tal-proposta tal-Kummissjoni mhumiex estensivi biżżejjed. L-offerent mhux biss għandu jirreferi għall-kwistjoni tas-sottokuntrattar fl-offerta tiegħu, iżda għandu jsemmi wkoll is-sottokuntratturi u jagħmilhom identifikabbli, billi jelenka d-dettalji fejn jistgħu jiġu kkuntattjati u r-rappreżentanti legali tagħhom. Barra minn hekk, il-kuntrattur ewlieni u s-sottokuntratturi intermedji kollha għandhom ikunu jistgħu jinżammu responsabbli f'każ ta' nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet relatati mal-liġijiet soċjali u tax-xogħol, is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol.

Il-kapitolu l-ġdid dwar is-servizzi soċjali għandu jippermetti ħarsien aħjar tal-kwalità tas-servizzi relatati mal-individwu. Għalhekk l-inklużjoni ta' kriterji partikolari relatati mal-kwalità għandha tkun obligatorja. Barra minn hekk, l-għoti ta' kuntratti pubbliċi għall-ebda raġuni m'għandu jseħħ abbażi tal-aktar prezz vantaġġjuż. Huwa neċessarju wkoll li jitlesta l-kapitolu dwar id-dispożizzjonijiet għall-kriterji tal-esklużjoni, l-għoti ta' sottokuntratt u r-rispett għan-normi tax-xogħol u soċjali applikabbli fuq il-post tax-xogħol.

Għall-implimentazzjoni korretta huwa neċessarju li jitlesta l-Kapitolu IV dwar il-governanza. B'hekk kuntratturi li wrew nuqqasijiet sinifikanti u persistenti fit-twettiq tal-kuntratt, għandhom jitniżżlu fuq reġistru li jkun aċċessibbli għall-awtoritajiet kontraenti u dan għandu jiġi kkunsidrat bħala raġuni għall-esklużjoni. Il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tar-regolamenti dwar l-akkwist pubbliku, b'mod partikolari n-normi tax-xogħol u dawk soċjali applikabbli fuq il-post tax-xogħol, għandu jkun żgurat ukoll permezz tal-awtorità pubblika tal-kontroll.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal direttiva Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) L-għoti ta' kuntratti pubbliċi minn jew f'isem l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandu jkun konformi mal-prinċipji ***tat-Trattat dwar il-Funzjonament*** tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari mal-moviment liberu tal-merkanzija, il-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li jingħataw servizzi kif ukoll mal-prinċipji li jitnisslu minnhom, bħat-trattament ugwali, in-nondiskriminazzjoni, ir-rikonossiment

Emenda

(1) L-għoti ta' kuntratti pubbliċi minn jew f'isem l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandu jkun konformi mal-prinċipji ***tat-Trattati*** tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari mal-moviment liberu tal-merkanzija, il-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li jingħataw servizzi kif ukoll mal-prinċipji li jitnisslu minnhom, bħat-trattament ugwali, in-nondiskriminazzjoni, ir-rikonossiment reċiproku, il-

reċiproku, il-proporzjonalità u t-trasparenza. Madankollu, għal kuntratti pubbliċi li jaqbżu ċertu valur, għandhom jitfasslu dispożizzjonijiet li jikkoordinaw il-proċeduri ta' akkwist nazzjonali sabiex jiġi żgurat li dawn il-prinċipji jingħataw effett Prattiku u li l-akkwist pubbliku jkun miftuħ għall-kompetizzjoni.

proporzjonalità u t-trasparenza **u mat-tqassim tal-kompetenzi kif stabbilit fl-Artikolu 14 (1) tat-TFUE u l-Protokoll Nru 26. Ir-regolament Ewropew dwar l-akkwist pubbliku għandu jirrispetta d-diskrezzjoni wiesgħa tal-awtoritajiet pubbliċi fit-twettiq tal-kompiti tagħhom fis-servizz pubbliku.** Madankollu, għal kuntratti pubbliċi li jaqbżu ċertu valur, għandhom jitfasslu dispożizzjonijiet li jikkoordinaw il-proċeduri ta' akkwist nazzjonali sabiex jiġi żgurat li dawn il-prinċipji jingħataw effett Prattiku u li l-akkwist pubbliku jkun miftuħ għall-kompetizzjoni.

Emenda 2

Proposta għal direttiva Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) L-akkwist pubbliku għandu rwol fl-istrateġija Ewropa 2020 bħala wieħed mill-istrumenti bbażati fuq is-suq li għandu jintuża sabiex jinkiseb tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv filwaqt li jiġi żgurat l-aktar użu effiċjenti tal-fondi pubbliċi. Għal dak il-għan, ir-regoli attwali dwar l-akkwist pubbliku adottati skont id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u d-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi jridu jiġu riveduti u modernizzati sabiex **tutjeb** l-effiċjenza tan-nefqa pubblika, billi tiġi faċilitata b'mod partikolari l-parteċipazzjoni ta' impriżi żgħar u medji fl-akkwisti pubbliċi u sabiex

Emenda

(2) L-akkwist pubbliku għandu rwol fl-istrateġija Ewropa 2020 bħala wieħed mill-istrumenti bbażati fuq is-suq li għandu jintuża sabiex jinkiseb tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv filwaqt li jiġi żgurat l-aktar użu effiċjenti tal-fondi pubbliċi. Għal dak il-għan, ir-regoli attwali dwar l-akkwist pubbliku adottati skont id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali [l-posta] u d-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi jridu jiġu riveduti u modernizzati sabiex **jippermettu lix-xerrej jagħmel użu aħjar tal-akkwist pubbliku favur żvilupp sostenibbli, konformità ma' drittijiet soċjali u tax-xogħol, inklużjoni soċjali,**

ix-xerrejja jkunu jistgħu jagħmlu użu aħjar mill-akkwist pubbliku b'appoġġ għall-miri soċjetali komuni. Hemm bżonn li jiġu ċċarati ideat u kunċetti bażiċi sabiex tiġi żgurata ċertezza legali aħjar u sabiex jiġu inkorporati ċerti aspetti relatati ta' ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

innovazzjoni fejn rilevanti u għanijiet oħra komuni tas-soċjetà, biex b'hekk tiżdied l-effiċjenza tan-nefqa pubblika, jiġi żgurat l-aħjar valur għall-flus, billi tiġi faċilitata b'mod partikolari l-parteċipazzjoni ta' impriżi żgħar u medji fl-akkwisti pubbliċi u sabiex ix-xerrejja jkunu jistgħu jagħmlu użu aħjar mill-akkwist pubbliku b'appoġġ għall-miri soċjetali komuni, u dan iwassal għall-ħolqien ta' impjiegi ġodda u sostenibbli. Hemm bżonn li jiġu ***ssimplifikati r-regoli tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku, b'mod partikolari rigward il-metodu użat biex jinkisbu l-objettivi ta' sostenibbiltà li għandhom ikunu parti integrali mill-politika tal-akkwist pubbliku u jiġu*** ċċarati ideat u kunċetti bażiċi sabiex tiġi żgurata ċertezza legali aħjar u sabiex jiġu inkorporati ċerti aspetti relatati ta' ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. ***Din id-Direttiva ttiprovdli leġiżlazzjoni biss dwar kif isir ix-xiri.***

Emenda 3 Proposta għal direttiva Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Skont ***l-Artikolu 11*** tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali għandhom jiġu integrati fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u l-attivitajiet tal-Unjoni, b'mod partikolari bil-għan li jiġi mħeġġeġ l-iżvilupp sostenibbli. Din id-Direttiva tiċċara kif l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-ambjent u l-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli, filwaqt li tiżgura li ***dawn ikunu jistgħu jiksbu*** l-aħjar valur għall-flus għall-kuntratti tagħhom.

Emenda

(5) Skont ***l-Artikoli 9, 10 u 11*** tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali u ***l-kunsiderazzjonijiet soċjali*** għandhom jiġu integrati fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u l-attivitajiet tal-Unjoni, b'mod partikolari bil-għan li jiġi mħeġġeġ l-iżvilupp sostenibbli. Din id-Direttiva tiċċara kif l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-ambjent u l-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli ***u kif dawn jistgħu jużaw is-setgħa diskrezzjonali tagħhom biex jagħżlu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-kriterji tal-għoti bil-għan li jinkiseb akkwist pubbliku sostenibbli,*** filwaqt li

tiżgura *r-rabta mas-suġġett tal-kuntratt* u li *jinkiseb* l-aħjar valur għall-flus għall-kuntratti tagħhom. *Skont l-Artikolu 9 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-rekwiżiti marbuta mal-garanzija ta' protezzjoni soċjali adegwata u mal-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali għandhom ikunu integrati fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tagħha għandhom jitqiesu fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u l-attivitajiet tal-Unjoni, b'mod partikolari għall-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjegi. Din id-direttiva tispeċifika wkoll kif l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jgħinu fil-promozzjoni tal-kriterji soċjali u jtejbu d-drittijiet tal-impjegati filwaqt li jiżguraw li jistgħu jiksbu l-aħjar valur soċjali għall-flus għall-kuntratti tagħhom billi jinkoraġġixxu akkwist pubbliku sostenibbli, ir-rispett tal-kriterji soċjali fl-istadji kollha tal-proċedura ta' akkwist u r-rispett tal-obbligi stabbiliti mill-Unjoni u/jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali u/jew il-ftehimiet kollettivi fil-qasam tad-dispożizzjonijiet għall-protezzjoni soċjali u tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol jew il-liġi ambjentali jew tad-dispożizzjonijiet tal-liġi internazzjonali soċjali u ambjentali elenkati fl-Anness XI, li huma fis-seħħ fl-Istat Membru, fir-reġjun jew fil-lokalità fejn se jitwettqu x-xogħlijiet jew fejn se jiġu pprovduti s-servizzi.*

Ġustifikazzjoni

Ir-referenza għall-klawżola soċjali orizzontali, li hija novità tat-Trattat ta' Lisbona, hija essenzjali għall-akkwist sostenibbli u għall-inklużjoni ta' kriterji soċjali orizzontali tul il-proċedura ta' akkwist kollha kemm hi.

Emenda 4

**Proposta għal direttiva
Premessa 5a (ġdida)**

(5a) Din id-Direttiva ma għandhiex tostakola lill-Istati Membri milli jikkonformaw mal-Konvenzjoni 94 tal-ILO dwar il-Klawżoli tax-Xogħol f'kuntratti pubbliċi u tinkoraġġixxi l-inklużjoni tal-klawżoli dwar ix-xogħol fl-akkwist pubbliku.

Ġustifikazzjoni

Il-Konvenzjoni 94 tal-ILO tippredvi li l-kuntratti pubbliċi għandhom jinkludu klawżoli dwar ix-xogħol biex b'hekk jiġi żgurat trattament ugwali mal-ħaddiema lokali. L-Istati Membri li rratifikaw din il-Konvenzjoni, m'għandhomx jiġu ostakolati milli jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tagħha. Din il-kjarifika hija partikolarment importanti fil-kuntest tas-sentenza tal-Qorti fil-kawża C-346/06 (Rüffert).

Emenda 5

**Proposta għal direttiva
Premessa 11**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11) Kategoriji oħrajn ta' servizzi jibqgħu min-natura tagħhom ikollhom dimensjoni transkonfinali limitata, jiġifieri dawk li huma magħrufa bħala servizzi lill-persuna, bħal ċerti servizzi soċjali, tas-saħħa u edukattivi. Dawn is-servizzi jingħataw f'kuntest partikolari li jvarja ħafna fost l-Istati Membri, minħabba tradizzjonijiet kulturali differenti. **Għaldaqstant**, għandu jiġi stabbilit reġim speċifiku **għall-kuntratti pubbliċi għal dawn is-servizzi**, b'limitu ogħla ta' EUR 500 000. Servizzi lill-persuna b'valuri inqas minn dan il-limitu minimu tipikament mhux se jkunu ta' interess għall-formituri minn Stati Membri oħra, sakemm ma jkunx hek' indikazzjonijiet konkreti għal kuntrarju, bħall-finanzjament tal-Unjoni għal proġetti transkonfinali. Il-kuntratti għal servizzi lill-persuna li jaqbz u dan il-limitu għandhom ikunu soġġetti għal trasparenza fl-Unjoni kollha. Fid-dawl tal-importanza tal-kuntest

(11) Kategoriji oħrajn ta' servizzi jibqgħu min-natura tagħhom ikollhom dimensjoni transkonfinali limitata, jiġifieri dawk li huma magħrufa bħala servizzi lill-persuna, bħal ċerti servizzi soċjali, tas-saħħa u edukattivi. Dawn is-servizzi jingħataw f'kuntest partikolari li jvarja ħafna fost l-Istati Membri, minħabba tradizzjonijiet kulturali differenti. **Ġeneralment min-natura tagħhom huwa diffiċli li jiġu rikonċiljati mar-regoli tas-suq intern applikabbli għall-akkwist pubbliku. Għalhekk, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jippreferu modi oħrajn ta' kif jipprovdu dawn is-servizzi u għandhom jiżguraw kwalità għolja għas-servizzi pprovduti f'każ li dawn xorta waħda jiddeċiedu li japplikaw proċeduri tal-akkwist pubbliku. Għal kwalità aħjar ta' dawn is-servizzi fil-kuntratti**, għandu jiġi stabbilit reġim speċifiku b'limitu ogħla ta' EUR 500 000.

kulturali u s-sensittività ta' dawn is-servizzi, l-Istati Membri għandhom **jingħataw** diskrezzjoni wiesgħa sabiex jorganizzaw l-għażla tal-fornituri ta' servizzi bil-mod li jidhrilhom li jkun l-iżjed xieraq. Ir-regoli ta' din id-direttiva jqisu dak l-imperattiv, billi jimponu biss l-osservanza ta' prinċipji bażiċi ta' trasparenza u trattament ugwali u billi jiżguraw li l-awtoritajiet kontraenti jkunu jistgħu japplikaw kriterji ta' kwalità speċifiċi għall-għażla tal-fornituri tas-servizz, bħall-kriterji stipulati fil-Qafas Ewropew volontarju għall-Kwalità għas-Servizzi Soċjali tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali tal-Unjoni Ewropea . L-Istati Membri u/jew l-awtoritajiet pubbliċi jibqgħu liberi li jipprovdu dawn is-servizzi huma stess jew li jorganizzaw is-servizzi soċjali **b'mod** li ma jgħibx miegħu l-konklużjoni tal-kuntratti pubbliċi, pereżempju permezz tal-finanzjament sempliċi ta' servizzi bħal dawn jew bl-għoti ta' liċenzji jew awtorizzazzjonijiet lill-atturi ekonomiċi kollha li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti minn qabel mill-awtorità kontraenti, mingħajr l-ebda limitu jew kwota, sakemm tali sistema tassigura riklamar suffiċjenti u tikkonforma mal-prinċipji ta' trasparenza u nondiskriminazzjoni.

Servizzi lill-persuna b'valuri inqas minn dan il-limitu minimu tipikament mhux se jkunu ta' interess għall-fornituri minn Stati Membri oħra, sakemm ma jkunx hek' indikazzjonijiet konkreti għal kuntrarju, bħall-finanzjament tal-Unjoni għal proġetti transkonfinali. Il-kuntratti għal servizzi lill-persuna li jaqbżu dan il-limitu għandhom ikunu soġġetti għal trasparenza fl-Unjoni kollha. Fid-dawl tal-importanza tal-kuntest kulturali, is-sensittività ta' dawn is-servizzi, **il-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-Protokoll 26 dwar is-Servizzi ta' Interess Ġenerali, l-Artikolu 14 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 36 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali**, l-Istati Membri għandhom diskrezzjoni wiesgħa sabiex jorganizzaw l-għażla tal-fornituri ta' servizzi bil-mod li jidhrilhom li jkun l-iżjed xieraq, **viċin kemm jista' jkun tal-bżonnijiet tal-utenti, u b'kunsiderazzjoni għad-differenzi fil-ħtiġijiet u l-preferenzi tal-utenti li jistgħu jirriżultaw minn sitwazzjonijiet ġeografiċi, soċjali jew kulturali differenti, u li jiġu żgurati aċċess universali, kontinwità u disponibbiltà tas-servizzi fit-territorji kollha tal-Unjoni**. Ir-regoli ta' din id-direttiva jqisu dak l-imperattiv, billi jimponu biss l-osservanza ta' prinċipji bażiċi ta' trasparenza u trattament ugwali u billi jiżguraw li l-awtoritajiet kontraenti jkunu jistgħu japplikaw kriterji ta' kwalità speċifiċi għall-għażla tal-fornituri tas-servizz, bħall-kriterji stipulati fil-Qafas Ewropew volontarju għall-Kwalità għas-Servizzi Soċjali tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali tal-Unjoni Ewropea, **li huma mfassla biex jiżguraw livell għoli ta' kwalità, kontinwità, aċċessibbiltà, disponibbiltà u ambitu wiesa' tas-servizzi, il-ħtiġijiet speċifiċi ta' kategoriji differenti ta' utenti, inklużi gruppi żvantaġġati u vulnerabbli, l-involviment u l-għoti tas-setgħa lill-utenti, is-sodisfazzjon tagħhom, l-inklużjoni soċjali u, fejn rilevanti, l-innovazzjoni**. **B'mod partikolari għandhom jitqiesu l-**

*kriterji marbuta mal-kundizzjonijiet soċjali u tal-impjeg, mas-saħħa u mas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, mas-sigurtà soċjali u mal-kundizzjonijiet tax-xogħol. L-Istati Membri u/jew l-awtoritajiet pubbliċi jibqgħu liberi li jipprovdu dawn is-servizzi huma stess, **inklużi forniment vertikali 'intern' jew kooperazzjoni orizzontali intermuniċipali (pubblika-pubblika)**, jew li jorganizzaw is-servizzi soċjali **bi kwalunkwe mod ieħor** li ma jgħibx miegħu l-konklużjoni tal-kuntratti pubbliċi, pereżempju permezz tal-finanzjament sempliċi ta' servizzi bħal dawn jew bl-għoti ta' liċenzji jew awtorizzazzjonijiet lill-atturi ekonomiċi kollha li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti minn qabel mill-awtorità kontraenti, mingħajr l-ebda limitu jew kwota, sakemm tali sistema tassigura riklamar suffiċjenti u tikkonforma mal-prinċipji ta' trasparenza u nondiskriminazzjoni. **Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti, b'mod partikolari l-kawża C-70/95 (Sodemare), l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jitħallew jirriservaw kuntratti għal organizzazzjoni bla skop ta' qligħ, jekk tali restrizzjoni hija prevista mil-liġi nazzjonali u hija kompatibbli mal-liġi Ewropea, jekk dan ikun neċessarju u proporzjonat għall-ilħuq ta' ċerti miri soċjali tas-sistema ta' protezzjoni soċjali nazzjonali.***

Ġustifikazzjoni

The respect of basic principles ensuring the high quality of social services should be binding. The wide discretion of Member States or public authorities in providing public services must be underlined. It must be clear that other ways of providing those services, which do not imply public procurement procedures (i.e. in-house provision or horizontal inter-municipal cooperation, or specific national systems like the 'sozialrechtliches Dreiecksverhältnis' in Germany), do also exist and they are conform with EU-law. The reference to the judgement of the Court in case C-70/95 (Sodemare) is essential for the reservation of contracts to non-profit organisations.

Emenda 6

**Proposta għal direttiva
Premessa 19**

Test propost mill-Kummissjoni

(19) Il-mezzi elettroniċi ta' informazzjoni u komunikazzjoni jistgħu jissimplifikaw il-pubblikazzjoni tal-kuntratti u jżidu l-effiċjenza u t-trasparenza tal-proċessi ta' akkwist. Dawn għandhom isiru l-mezz standard ta' komunikazzjoni u skambju ta' informazzjoni fil-proċeduri ta' akkwist. L-użu tal-mezzi elettroniċi jista' jwassal ukoll għal inqas ħela ta' ħin. Bħala riżultat, għandha ssir dispożizzjoni għat-tnaqqis tal-perjodi minimi fejn jintużaw il-mezzi elettroniċi, soġġett, madankollu, għall-kundizzjoni li jkunu kompatibbli mal-mod speċifiku ta' trażmissjoni previst mil-livell tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-mezzi elettroniċi tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni inklużi funzjonalijiet adegwati jistgħu jippermettu lill-awtoritajiet kontraenti biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu żbalji li jseħħu matul il-proċeduri ta' akkwist.

Emenda 7

**Proposta għal direttiva
Premessa 25a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(19) Il-mezzi elettroniċi ta' informazzjoni u komunikazzjoni jistgħu jissimplifikaw il-pubblikazzjoni tal-kuntratti, ***inaqqsu l-piżijiet amministrattivi bħal spejjeż tat-tranżazzjonijiet partikolarment għall-SMEs***, u jżidu l-effiċjenza u t-trasparenza tal-proċessi ta' akkwist. Dawn għandhom isiru l-mezz standard ta' komunikazzjoni u skambju ta' informazzjoni fil-proċeduri ta' akkwist. L-użu tal-mezzi elettroniċi jista' jwassal ukoll għal inqas ħela ta' ħin. Bħala riżultat, għandha ssir dispożizzjoni għat-tnaqqis tal-perjodi minimi fejn jintużaw il-mezzi elettroniċi, soġġett, madankollu, għall-kundizzjoni li jkunu kompatibbli mal-mod speċifiku ta' trażmissjoni previst mil-livell tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-mezzi elettroniċi tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni inklużi funzjonalijiet adegwati jistgħu jippermettu lill-awtoritajiet kontraenti biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu żbalji li jseħħu matul il-proċeduri ta' akkwist.

L-Istati Membri għandhom ikunu mħeġġa jużaw sistema ta' vawċer ta' servizz, li hija għodda effettiva ġdida biex jiġu rranġati s-servizzi pubbliċi.

"is-sistema ta' vawċer ta' servizz" hija sistema fejn awtorità kontraenti tagħti vawċer ta' servizz lil klijent li jista' mbaġħad jakkwista servizz minn fornitur tas-servizz li hu inkluż mill-awtorità kontraenti fis-sistema ta' vawċer ta' servizz. L-awtorità kontraenti tħallas is-

somma li tikkorrispondi għall-valur tal-vawċer ta' servizz lill-fornitur tas-servizz.

Din hija ta' benefiċċju għall-SMEs minħabba li huwa faċli ħafna li wieħed jipparteċipa f'sistema ta' vawċer ta' servizz. Sistema ta' vawċer ta' servizz tagħti libertà tal-għażla liċ-ċittadin li jista' jagħżel il-fornitur tas-servizz minn alternattivi diversi. Sistema ta' vawċer ta' servizz hija ta' benefiċċju għall-awtorità wkoll, peress li huwa ħafna aktar faċli li tiġi stabbilita sistema ta' vawċer ta' servizz meta mqabbel mal-akkwist pubbliku klassiku.

Is-sistema ta' vawċer ta' servizz ma taqax taħt ir-reġim Ewropew għall-akkwist pubbliku jew taħt din id-Direttiva.

Emenda 8

Proposta għal direttiva Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni

(27) L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi maħruġa mix-xerrejja pubbliċi għandhom jippermettu li l-akkwist pubbliku jinfetaħ għall-kompetizzjoni. Għal dak il-għan, għandu jkun possibbli li jintefgħu offerti li jirriflettu d-diversità ta' soluzzjonijiet tekniċi biex b'hekk jinkiseb livell suffiċjenti ta' kompetizzjoni. Konsegwentement, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jiġu abbozzati ***b'tali mod li*** jiġi evitat tnaqqis b'mod artifiċjali fil-kompetizzjoni permezz ta' rekwiżiti li jiffavorixxu lil attur ekonomiku speċifiku billi jirriflettu l-karatteristiċi ewlenin tal-provvisti, servizzi jew xogħlijiet li huma normalment offruti minn dak l-attur ekonomiku. It-tfassil tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi f'termini ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni u funzjonali ġeneralment jippermetti li dan l-għan jintlaħaq bl-aħjar mod possibbli u

Emenda

(27) L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi maħruġa mix-xerrejja pubbliċi għandhom jippermettu li l-akkwist pubbliku jinfetaħ għall-kompetizzjoni. Għal dak il-għan, għandu jkun possibbli li jintefgħu offerti li jirriflettu d-diversità ta' soluzzjonijiet tekniċi biex b'hekk jinkiseb livell suffiċjenti ta' kompetizzjoni. Konsegwentement, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jiġu abbozzati ***u applikati b'mod konformi mal-prinċipji ta' trasparenza u nondiskriminazzjoni, sabiex*** jiġi evitat tnaqqis b'mod artifiċjali fil-kompetizzjoni, permezz ta' rekwiżiti li jiffavorixxu lil attur ekonomiku speċifiku, billi jirriflettu l-karatteristiċi ewlenin tal-provvisti, servizzi jew xogħlijiet li huma normalment offruti minn dak l-attur ekonomiku. It-tfassil tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi f'termini ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni u funzjonali

jiffavorixxi l-innovazzjoni. Fejn issir referenza għal standard Ewropew jew, fin-nuqqas tiegħu, għal standard nazzjonali, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jikkunsidraw l-offerti bbażati fuq arranġamenti ekwivalenti. Sabiex juru ekwivalenza, l-offerenti jistgħu jiġu obbligati li jipprovdu evidenza vverifikata minn parti terza; madankollu, għandhom ikunu permessi wkoll mezzi xierqa oħra ta' prova bħal, dossier tekniku tal-manifattur meta l-attur ekonomiku kkonċernat ma jkollux aċċess għal dawn iċ-ċertifikati jew rapporti tat-testijiet, jew ma jkollu l-ebda possibbiltà li jiksibhom fil-limiti ta' żmien rilevanti.

ġeneralment jippermetti li dan l-għan jintlaħaq bl-aħjar mod possibbli u jiffavorixxi l-innovazzjoni. Fejn issir referenza għal standard Ewropew jew, fin-nuqqas tiegħu, għal standard nazzjonali, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jikkunsidraw l-offerti bbażati fuq arranġamenti ekwivalenti. Sabiex juru ekwivalenza, l-offerenti jistgħu jiġu obbligati li jipprovdu evidenza vverifikata minn parti terza; madankollu, għandhom ikunu permessi wkoll mezzi xierqa oħra ta' prova bħal, dossier tekniku tal-manifattur meta l-attur ekonomiku kkonċernat ma jkollux aċċess għal dawn iċ-ċertifikati jew rapporti tat-testijiet, jew ma jkollu l-ebda possibbiltà li jiksibhom fil-limiti ta' żmien rilevanti.

Emenda 9

Proposta għal direttiva Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni

(28) L-awtoritajiet kontraenti li jixtiequ jixtru *xogħolijiet*, provvisti jew servizzi b'karatteristiċi ambjentali, soċjali jew karatteristiċi oħrajn għandhom ikunu jistgħu jirreferu għal tikketti partikolari, bħall-Eko-tikketta Ewropea, l-eko-tikketti (multi-) nazzjonali jew kull tikketta oħra, sakemm il-ħtiġijiet għat-tikketta jkunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt, bħalma huma d-deskrizzjoni tal-prodott u l-preżentazzjoni tiegħu, inklużi r-rekwiżiti għall-imballaġ. Barra minn hekk huwa essenzjali li dawn ir-rekwiżiti jitfassla u jiġu adottati fuq il-bażi ta' kriterji verifikabbli oġġettivament, permezz ta' proċedura li jistgħu jipparteċipaw fiha l-partijiet interessati, bħal korpi governattivi, konsumaturi, manifatturi, distributuri u organizzazzjonijiet ambjentali, filwaqt li t-tikketta tkun aċċessibbli u disponibbli.

Emenda

(28) L-awtoritajiet kontraenti li jixtiequ jixtru *xogħlijiet*, provvisti jew servizzi b'karatteristiċi ambjentali, soċjali jew karatteristiċi oħrajn għandhom ikunu jistgħu jirreferu għal tikketti partikolari, bħall-Eko-tikketta Ewropea, l-eko-tikketti (multi-) nazzjonali jew kull tikketta oħra, sakemm il-ħtiġijiet għat-tikketta jkunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt, bħalma huma d-deskrizzjoni tal-prodott u l-preżentazzjoni tiegħu, inklużi r-rekwiżiti għall-imballaġ. Barra minn hekk huwa essenzjali li dawn ir-rekwiżiti jitfassla u jiġu adottati fuq il-bażi ta' kriterji verifikabbli oġġettivament, permezz ta' proċedura li jistgħu jipparteċipaw fiha l-partijiet interessati, bħal korpi governattivi, konsumaturi, manifatturi, distributuri, ***organizzazzjonijiet soċjali*** u organizzazzjonijiet ambjentali, filwaqt li t-

tikketta tkun aċċessibbli u disponibbli.

Emenda 10

Proposta għal direttiva Premessa 29a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Min-naħa għandha tiġi enfasizzata l-importanza tat-taħriġ tal-persunal ta' awtoritajiet kontraenti u operaturi individwali, u min-naħa l-oħra għandhom jiġu inklużi l-ħiliet u r-rekwiżiti ta' taħriġ fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt bħala strateġija fuq tul ta' żmien; għandu jiġi enfasizzat, madankollu, li dawn l-azzjonijiet tal-aħħar għandhom ikunu marbuta direttament mas-suġġett tal-kuntratt, ikunu proporzjonati u ekonomikament vantaġġużi.

Emenda 11

Proposta għal direttiva Premessa 32a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(32a) Il-ħolqien tal-impjiegi jiddependi ħafna fuq l-impriżi żgħar u medji. L-SMEs kienu kapaċi joffru impjiegi ġodda u sostenibbli anke fi żminijiet ta' kriżi ekonomika. Peress li l-awtoritajiet pubbliċi jużaw madwar 18% tal-PDG fuq l-akkwist pubbliku, dan ir-reġim leġiżlattiv għandu impatt sinifikanti fuq il-ħila tal-SMEs li jkomplu joħlqu impjiegi ġodda. Għalhekk, il-kuntratti pubbliċi għandhom ikunu aċċessibbli kemm jista' jkun għall-SMEs, kemm dawk fuq u kemm dawk taħt il-limiti, li huma definiti f'din id-Direttiva. Minbarra l-għodod speċifiċi, li huma mfassla biex itejbu l-involviment tal-SMEs fis-suq tal-akkwist pubbliku, l-Istati Membri u l-awtoritajiet

kontraenti għandhom ikunu mħeġġa bil-qawwa joħlqu strateġiji tal-akkwist pubbliku favur l-SMEs. Il-Kummissjoni ppubblikat dokument ta' ħidma tal-persunal "Kodiċi Ewropew tal-aħjar Prattiki li jiffaċilitaw l-aċċess mill-SMEs għal kuntratti tal-akkwist pubbliku" (SEC (2008) COM 2193), li jimmira biex jgħin l-Istati Membri joħlqu strateġiji nazzjonali, programmi u pjanijiet ta' azzjoni sabiex titjeb il-parteċipazzjoni tal-SMEs f'dawn is-swieq. Politika effiċjenti dwar l-akkwist pubbliku għandha tkun koerenti. L-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali għandhom japplikaw ir-regoli stabbiliti fid-Direttiva b'mod rigoruż u min-naħa l-oħra, l-implimentazzjoni ta' politiki ġenerali intiżi biex itejbu l-aċċess ta' SMEs għas-swieq tal-akkwist pubbliku għandha tibqa' importanti ħafna speċjalment mill-perspettiva tal-ħolqien ta' impjegji;

Emenda 12

Proposta għal direttiva Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni

(34) Il-kuntratti pubbliċi ma għandhomx jingħataw lill-atturi ekonomiċi li jkunu pparteċipaw f'organizzazzjoni kriminali jew li jkunu nstabu ħatja ta' korruzzjoni, frodi għad-detriment tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni jew ħasil tal-flus. In-nuqqas ta' ħlas ta' taxxi jew ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għandu jiġi sanzjonat ukoll b'esklużjoni mandatorja fil-livell tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kontraenti għandha tingħatalhom il-possibbiltà li jeskludu kandidati jew offerenti minħabba ksur ta' obbligi soċjali jew ambjentali, inklużi regoli dwar l-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà jew forom oħra ta' kondotta professjonali skorretta serjament, bħal ksur

Emenda

(34) Il-kuntratti pubbliċi ma għandhomx jingħataw lill-atturi ekonomiċi li jkunu pparteċipaw f'organizzazzjoni kriminali jew li jkunu nstabu ħatja ta' korruzzjoni, frodi għad-detriment tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni jew ħasil tal-flus. In-nuqqas ta' ħlas ta' taxxi jew ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għandu jiġi sanzjonat ukoll b'esklużjoni mandatorja fil-livell tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kontraenti għandha tingħatalhom il-possibbiltà li jeskludu kandidati jew offerenti minħabba ksur ta' obbligi soċjali, **tax-xogħol** jew ambjentali, inklużi regoli dwar **il-kundizzjonijiet tax-xogħol, ftehimiet kollettivi u l-**aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà, **is-**

ta' regoli tal-kompetizzjoni jew ta' drittijiet ta' proprjeta' intellettuali.

saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol jew forom oħra ta' kondotta professjonali skorretta serjament, bħal ksur ta' regoli tal-kompetizzjoni jew ta' drittijiet ta' proprjeta' intellettuali.

Emenda 13

Proposta għal direttiva Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni

(37) Il-kuntratti għandhom jingħataw fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi li jiżguraw il-konformità mal-prinċipji ta' trasparenza, nondiskriminazzjoni **u** trattament ugwali. Dawn il-kriterji għandhom jiggarantixxu li l-offerti huma vvalutati f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni effettiva, anke meta l-awtoritajiet kontraenti jirrikjedu *xogħolijiet*, provvisti u servizzi ta' kwalità għolja li huma l-iktar adattati għall-bżonnijiet tagħhom, pereżempju meta l-kriterji tal-għoti magħżula jinkludu fatturi marbuta mal-proċess ta' produzzjoni. Bħala riżultat, l-awtoritajiet kontraenti għandhom **ikunu jistgħu** jadottaw bħala kriterji tal-għoti **jew** 'l-iktar offerta ekonomikament vantaġġuża' **jew 'l-irħas waħda', b'kunsiderazzjoni li fil-każ tal-aħħar**, huma liberi li jistabbilixxu standards ta' kwalità adegwati billi jużaw speċifikazzjonijiet tekniċi jew kundizzjonijiet għat-twettiq tal-kuntratt.

Emenda

(37) Il-kuntratti għandhom jingħataw fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi li jiżguraw il-konformità mal-prinċipji ta' trasparenza, nondiskriminazzjoni, trattament ugwali, ***ir-rabta bejn il-kostijiet, il-kwalità u l-effikaċja u l-applikazzjoni kuxjenzjuża tal-istandards soċjali***. Dawn il-kriterji għandhom jiggarantixxu li l-offerti huma vvalutati f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni effettiva, anke meta l-awtoritajiet kontraenti jirrikjedu *xogħlijiet*, provvisti u servizzi ta' kwalità għolja li huma l-iktar adattati għall-bżonnijiet tagħhom, pereżempju meta l-kriterji tal-għoti magħżula jinkludu fatturi marbuta mal-proċess ta' produzzjoni. ***Għalhekk***, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jadottaw bħala kriterji tal-għoti 'l-iktar offerta ekonomikament vantaġġuża' ***sabiex jevalwaw it-tħassib tal-awtorità kontraenti fir-rigward tas-sostenibilità, flimkien mar-rispett bażiku għall-istandards soċjali nazzjonali, Ewropej u internazzjonali. L-awtoritajiet kontraenti*** huma liberi ***wkoll*** li jistabbilixxu standards ta' ***sostenibilità u ta'*** kwalità adegwati billi jużaw speċifikazzjonijiet tekniċi jew kundizzjonijiet għat-twettiq tal-kuntratt.

Emenda 14

Proposta għal direttiva Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni

(38) Meta l-awtoritajiet kontraenti jagħżlu li jagħtu kuntratt lill-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġjuża, dawn għandhom jiddeterminaw il-kriterji ta' għoti fuq il-bażi li bihom se jivvalutaw l-offerti sabiex jiġi identifikat liema waħda toffri l-aħjar valur għall-flus. L-għażla ta' dawn il-kriterji tiddependi fuq is-suġġett tal-kuntratt billi dawn għandhom jippermettu l-evalwazzjoni tal-livell ta' prestazzjoni proposta minn kull offerta fid-dawl tas-suġġett tal-kuntratt, kif definit fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, u l-valur għall-flus ta' kull offerta li għandha titkejjel. Barra minn hekk, il-kriterji tal-għoti magħżula ma għandhomx jikkonferixxu liberta' tal-għażla mhix ristretta fuq l-awtorità kontraenti u għandhom jiżguraw il-possibbiltà ta' kompetizzjoni effettiva u jkunu akkumpanjati minn rekwiżiti li jippermettu li l-informazzjoni pprovduta mill-offerenti tkun ivverifikata b'mod effikaċi.

Emenda 15

**Proposta għal direttiva
Premessa 41**

Test propost mill-Kummissjoni

(41) Barra minn hekk, fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-kriterji tal-għoti, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jitħallew jirreferu għal proċess ta' produzzjoni speċifiku, mod speċifiku ta' provvista ta' servizzi, jew proċess speċifiku għal kull stadju ieħor matul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodott jew servizz, sakemm dawn ikunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt pubbliku. Sabiex il-kunsiderazzjonijiet soċjali jkunu integrati aħjar fl-akkwist pubbliku, ix-xerrejja

Emenda

(38) Meta l-awtoritajiet kontraenti jagħżlu li jagħtu kuntratt lill-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġjuża, dawn għandhom jiddeterminaw il-kriterji ta' għoti fuq il-bażi li bihom se jivvalutaw l-offerti sabiex jiġi identifikat liema waħda toffri l-aħjar valur għall-flus, **sostenibbiltà ekonomika u soċjali**. L-għażla ta' dawn il-kriterji tiddependi fuq is-suġġett tal-kuntratt billi dawn għandhom jippermettu l-evalwazzjoni tal-livell ta' prestazzjoni proposta minn kull offerta fid-dawl tas-suġġett tal-kuntratt, kif definit fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, u l-valur għall-flus ta' kull offerta li għandha titkejjel. Barra minn hekk, il-kriterji tal-għoti magħżula ma għandhomx jikkonferixxu liberta' tal-għażla mhix ristretta fuq l-awtorità kontraenti u għandhom jiżguraw il-possibbiltà ta' kompetizzjoni effettiva u jkunu akkumpanjati minn rekwiżiti li jippermettu li l-informazzjoni pprovduta mill-offerenti tkun ivverifikata b'mod effikaċi.

Emenda

(41) Barra minn hekk, fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-kriterji tal-għoti, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jitħallew jirreferu għal proċess ta' produzzjoni speċifiku, **inklużi pereżempju aspetti soċjali u ambjentali**, mod speċifiku ta' provvista ta' servizzi, jew proċess speċifiku għal kull stadju ieħor matul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodott jew servizz, sakemm dawn ikunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt pubbliku. **Ir-regola dwar ir-rabta mas-suġġett inkwistjoni għandha**

jistgħu jkunu jistgħu wkoll jinkludu, **fil-kriterju** tal-ġhoti **tal-iktar offerta ekonomikament vantaġġuża**, karatteristiċi relatati mal-kundizzjonijiet ta' impjieg tal-persuni li jipparteċipaw direttament fil-proċess ta' produzzjoni jew il-provvediment inkwistjoni. Dawk il-karatteristiċi jistgħu jikkonċernaw **biss** il-protezzjoni tas-saħħa tal-persunal involut fil-proċess tal-produzzjoni jew l-iffaċilitar **tal-integrazzjoni** soċjali ta' persuni żvantaġġati jew membri ta' gruppi vulnerabbli fost il-persuni assenjati biex iwettqu l-kuntratt, inkluża l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltajiet. Kull kriterju tal-ġhoti li jinkludi dawk il-karatteristiċi għandu ,fi kwalunkwe każ, jibqa' limitat għal dawk il-karatteristiċi li għandhom konsegwenzi immedjati fuq il-membri tal-persunal fl-ambjent tax-xoġhol tagħhom. Huma għandhom ikunu applikati **skont id-Direttiva 97/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi [provvediment ta' servizzi]** u b'mod li ma jiddiskriminax direttament jew indirettament kontra atturi ekonomiċi minn Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi firmatarji tal-Ftehim jew Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles li tagħhom l-Unjoni hija firmatarja. Għall-kuntratti ta' servizz u għall-kuntratti li jinvolvu d-disinn ta' **xoġholijiet**, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jitħallew jużaw bħala **kriterju** għall-ġhoti, l-organizzazzjoni, il-kwalifiki u l-esperjenza tal-persunal assenjat li jwettaq il-kuntratt inkwistjoni, minħabba li dan jista' jaffettwa l-kwalità tat-prestazzjoni tal-kuntratt u, bħala riżultat, il-valur ekonomiku tal-offerta.

tiġi interpretata b'mod wiesa'. **Għalhekk**, sabiex il-kunsiderazzjonijiet soċjali jkunu integrati aħjar fl-akkwist pubbliku, ix-xerrejja jistgħu jkunu jistgħu wkoll jinkludu, **fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u fil-kriterji** tal-ġhoti, karatteristiċi relatati mal-kundizzjonijiet ta' impjieg tal-persuni li jipparteċipaw direttament fil-proċess ta' produzzjoni jew il-provvediment inkwistjoni. Dawk il-karatteristiċi jistgħu jikkonċernaw **pereżempju**, il-protezzjoni tas-saħħa tal-persunal involut fil-proċess tal-produzzjoni, **il-bilanċ tal-ġeneru, l-aċċess għal tagħlim vokazzjonali intern, il-parteċipazzjoni u l-konsultazzjoni tal-utenti, id-drittijiet tal-bniedem, il-kummerċ etiku** jew l-iffaċilitar **tal-integrazzjoni** soċjali ta' persuni żvantaġġati jew membri ta' gruppi vulnerabbli fost il-persuni assenjati biex iwettqu l-kuntratt, inkluża l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltajiet. Kull kriterju tal-ġhoti li jinkludi dawk il-karatteristiċi għandu ,fi kwalunkwe każ, jibqa' limitat għal dawk il-karatteristiċi li għandhom konsegwenzi immedjati fuq il-membri tal-persunal fl-ambjent tax-xoġhol tagħhom. Huma għandhom ikunu applikati b'mod li ma jiddiskriminax direttament jew indirettament kontra atturi ekonomiċi minn Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi firmatarji tal-Ftehim jew Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles li tagħhom l-Unjoni hija firmatarja. Għall-kuntratti ta' servizz u għall-kuntratti li jinvolvu d-disinn ta' **xoġholijiet**, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jitħallew jużaw bħala **speċifikazzjonijiet tekniċi jew kriterji** għall-ġhoti, l-organizzazzjoni, il-kwalifiki u l-esperjenza tal-persunal assenjat li jwettaq il-kuntratt inkwistjoni, minħabba li dan jista' jaffettwa l-kwalità tat-prestazzjoni tal-kuntratt u, bħala riżultat, il-valur ekonomiku tal-offerta.

Emenda 16

**Proposta għal direttiva
Premessa 43**

Test propost mill-Kummissjoni

(43) Il-kundizzjonijiet ta' eżekuzzjoni tal-kuntratti huma kompatibbli ma' din id-Direttiva sakemm dawn ma jkunux direttament jew indirettament diskriminatorji, ikunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt u jkunu indikati fl-avviż dwar il-kuntratt, l-avviż ta' informazzjoni minn qabel li jintuża bħala mezz ta' sejħa għal kompetizzjoni jew id-dokumenti ta' akkwist. Dawn jistgħu, b'mod partikolari, ikunu maħsuba biex jiffavorixxu t-taħriġ vokazzjonali fuq il-post, l-impjieg ta' nies li qed iġarrbu diffikultà biex jintegraw ruħhom, il-ġlieda kontra l-qagħad jew il-protezzjoni tal-ambjent jew il-benessri tal-annimali. Pereżempju, fost affarijiet oħra, jistgħu jissemmew ir-rekwiżiti — applikabbli matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt — biex jiġu ingaġġati persuni li ilhom ifittxu impjieg jew biex jiġu implimentati miżuri ta' taħriġ għall-persuni qiegħda jew għaż-żgħażagħ, biex jikkonformaw fis-sustanza mal-Konvenzjonijiet fundamentali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), anki meta dawn il-Konvenzjonijiet ma jkunux ġew implimentati fil-liġi nazzjonali, u biex jiġu ingaġġati aktar persuni żvantaġġjati milli huma meħtieġa skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Emenda 17

**Proposta għal direttiva
Premessa 44a (ġdida)**

Emenda

(43) Il-kundizzjonijiet ta' eżekuzzjoni tal-kuntratti huma kompatibbli ma' din id-Direttiva sakemm dawn ma jkunux direttament jew indirettament diskriminatorji, ikunu marbuta **direttament** mas-suġġett tal-kuntratt u jkunu indikati fl-avviż dwar il-kuntratt, l-avviż ta' informazzjoni minn qabel li jintuża bħala mezz ta' sejħa għal kompetizzjoni jew id-dokumenti ta' akkwist. Dawn jistgħu, b'mod partikolari, ikunu maħsuba biex jiffavorixxu t-taħriġ vokazzjonali fuq il-post, l-impjieg ta' nies li qed iġarrbu diffikultà biex jintegraw ruħhom, il-ġlieda kontra l-qagħad jew il-protezzjoni tal-ambjent jew il-benessri tal-annimali. Pereżempju jistgħu jissemmew ir-rekwiżiti - applikabbli matul it-twettiq tal-kuntratt - biex jiġu ingaġġati persuni li ilhom ifittxu impjieg, **żgħażagħ qiegħda, persuni b'diżabilitajiet, nisa** jew biex jiġu implimentati miżuri ta' taħriġ għall-persuni qiegħda jew għaż-żgħażagħ, biex jikkonformaw fis-sustanza mal-Konvenzjonijiet fundamentali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), **filwaqt li jiġi rispettati il-prinċipju tas-sussidjarjetà**, anki meta dawn il-Konvenzjonijiet ma jkunux ġew implimentati fil-liġi nazzjonali, u biex jiġu ingaġġati aktar persuni żvantaġġjati milli huma meħtieġa skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali. .

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(44a) Id-dispożizzjonijiet tad-direttiva għandhom jirrispettaw id-diversi mudelli tas-suq tax-xogħol tal-Istati Membri, inklużi dawk fejn ikunu fis-seħħ ftehimiet kollettivi.

Emenda 18

Proposta għal direttiva Premessa 44b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(44b) L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jużaw klawżoli kuntrattwali li jipprovdu dispożizzjonijiet dwar il-konformità ma' ftehimiet kollettivi, sakemm dan ikun imsemmi fl-avviż tal-kuntratt tal-awtorità kontraenti jew fl-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta, sabiex ikun hemm konformità mal-prinċipju tat-trasparenza.

Emenda 19

Proposta għal direttiva Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(47) F'konformità mal-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' trasparenza, l-offerent magħżul ma għandux jiġi sostitwit minn attur ekonomiku ieħor mingħajr ma jerġa' jinfetaħ mill-ġdid il-kuntratt għall-kompetizzjoni. Madankollu, l-offerent li jwettaq il-kuntratt jista' jgħaddi minn ċerti bidliet strutturali matul it-twettiq tal-kuntratt, bħar-riorganizzazzjonijiet purament interni, amalgamazzjonijiet u akkwisti jew insolvenza. Tali bidliet strutturali ma għandhomx awtomatikament jirrikjedu proċeduri ta' akkwist ġodda

(47) F'konformità mal-prinċipji ta' trattament ugwali, **ta' oġġettività** u ta' trasparenza, l-offerent magħżul ma għandux jiġi sostitwit minn attur ekonomiku ieħor mingħajr ma jerġa' jinfetaħ mill-ġdid il-kuntratt għall-kompetizzjoni. Madankollu, l-offerent li jwettaq il-kuntratt jista' jgħaddi minn ċerti bidliet strutturali matul it-twettiq tal-kuntratt, bħar-riorganizzazzjonijiet purament interni, amalgamazzjonijiet u akkwisti jew insolvenza. Tali bidliet strutturali ma għandhomx awtomatikament

għall-kuntratti pubbliċi kollha mwettqa minn dik l-impriża.

jirrikjedu proċeduri ta' akkwist ġodda għall-kuntratti pubbliċi kollha mwettqa minn dik l-impriża.

Emenda 20

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-awtoritajiet pubbliċi fil-livelli kollha li jiddeċiedu jekk, kif, u sa liema punt jixtiequ jwettqu l-funzjonijiet pubbliċi huma stess. L-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jiżvolġu kompiti ta' interess pubbliku bl-użu tar-riżorsi tagħhom stess, mingħajr ma jkunu obbligati li jirrikorru għal operaturi ekonomiċi esterni. Dawn jistgħu jagħmlu dan f'kooperazzjoni ma' awtoritajiet pubbliċi oħra.

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jiġi ċċarat li jibqa' f'idejn l-Istati Membri biex jiddeċiedu jekk u safejn huma jixtiequ jwettqu l-funzjonijiet pubbliċi huma stess u kif iridu jagħmlu dan. Din il-libertà hija inkorporata fit-Trattat ta' Lisbona fl-Artikolu 4(2) tat-TUE li jirrikonoxxi d-dritt għal gvern awtonomu reġjonali u lokali. Il-protokoll 26 dwar is-servizzi ta' interess ġenerali u l-Artikolu 14 tat-TFUE jsaħħu r-responsabbiltajiet nazzjonali u lokali fil-provvista, l-ikkummissjonar u l-organizzazzjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali.

Emenda 21

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – punt 22

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

22. 'ċiklu tal-ħajja' tfisser l-istadji konsekuttivi u/jew marbutin bejniethom kollha, inklużi l-produzzjoni, it-trasport, l-użu u l-manutenzjoni matul l-eżistenza ta' prodott jew *xogħolijiet* jew il-forniment ta' servizz, minn xiri ta' materja prima jew il-

22. 'ċiklu tal-ħajja' tfisser l-istadji konsekuttivi u/jew marbutin bejniethom kollha, inklużi l-produzzjoni, it-trasport, ***l-installazzjoni***, l-użu u l-manutenzjoni matul l-eżistenza ta' prodott jew *xogħlijiet* jew il-forniment ta' servizz, minn xiri ta'

ġenerazzjoni ta' riżorsi sar-rimi, l-
approvazzjoni u l-finalizzazzjoni;

materja prima jew il-ġenerazzjoni ta'
riżorsi sar-rimi, l-approvazzjoni u l-
finalizzazzjoni;

Emenda 22

Proposta għal direttiva Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) servizzi ta' arbitraġġ u ta'
konċiljazzjoni;

Emenda

(c) is-servizzi ta' arbitraġġ u
konċiljazzjoni, ***inklużi s-servizzi ta'
aġġudikazzjoni ta' tilwim;***

Emenda 23

Proposta għal direttiva Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni

1. Kuntratt mogħti minn awtorità
kontraenti lil persuna ġuridika ma għandux
jibqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-
Direttiva, fejn jiġu ssodisfati l-
kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

(a) l-awtorità kontraenti teżerċita kontroll
fuq il-persuna ġuridika kkonċernata li
huwa simili għal dak li teżerċita fuq id-
dipartimenti tagħha stess.

(b) mill-inqas **90%** tal-attivitajiet ta' dik il-
persuna ġuridika jitwettqu għall-awtorità
kontraenti li jikkontrollawha jew għal
persuni ġuridiċi oħra kkontrollati minn dik
l-awtorità kontraenti;

(c) ma jkun hemm l-ebda parteċipazzjoni
privata fil-persuna ġuridika kkontrollata.

Awtorità kontraenti għandha titqies li
teżerċita kontroll fuq persuna ġuridika li
huwa analogu għal dak li hija teżerċita fuq
id-dipartimenti tagħha stess skont it-tifisira

Emenda

1. Kuntratt mogħti minn awtorità
kontraenti lil persuna ġuridika ma għandux
jibqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-
Direttiva, fejn jiġu ssodisfati l-
kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

(a) l-awtorità kontraenti teżerċita kontroll
fuq il-persuna ġuridika kkonċernata li
huwa simili għal dak li teżerċita fuq id-
dipartimenti tagħha stess.

b) mill-inqas **80 %** tal-attivitajiet ta' dik il-
persuna ġuridika jitwettqu għall-awtorità
kontraenti li jikkontrollawha jew għal
persuni ġuridiċi oħra kkontrollati minn dik
l-awtorità kontraenti;

(c) ma jkun hemm l-ebda parteċipazzjoni
privata fil-persuna ġuridika kkontrollata,
***bl-eċċezzjoni ta' forom ta' parteċipazzjoni
privata infurzati bil-liġi.***

Awtorità kontraenti għandha titqies li
teżerċita kontroll fuq persuna ġuridika li
huwa analogu għal dak li hija teżerċita fuq
id-dipartimenti tagħha stess skont it-tifisira

tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu meta din teżerċita influwenza determinanti kemm fuq l-għanijiet strateġiċi kif ukoll fuq id-deċiżjonijiet importanti tal-persuna ġuridika kkontrollata.

2. Il-paragrafu 1 japplika wkoll meta entità kkontrollata, li hija awtorità kontraenti, tagħti kuntratt lill-entità li **jkollha l-kontroll** tagħha, jew lil xi persuna ġuridika kkontrollata mill-istess awtorità kontraenti, sakemm ma jkun hemm l-ebda parteċipazzjoni privata fil-persuna ġuridika li jingħatalha l-kuntratt ta' appalt.

3. Awtorità kontraenti li ma teżerċitax kontroll fuq persuna ġuridika skont it-tifsira tal-paragrafu 1, xorta waħda tista' tagħti kuntratt ta' appalt **mingħajr ma tapplika** din id-Direttiva lil persuna ġuridika li hija tikkontrolla b'mod konġunt ma' awtoritajiet kontraenti oħra, meta jiġu sodisfatti il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-awtoritajiet kontraenti jeżerċitaw b'mod konġunt fuq il-persuna ġuridika kontroll li jkun simili għal dak li huma jeżerċitaw fuq id-dipartimenti tagħhom stess;

(b) mill-inqas **90%** tal-attivitajiet ta' dik il-persuna ġuridika jitwettqu **għall-awtoritajiet** kontraenti li jikkontrollawha jew persuni ġuridiċi oħra kkontrollati **mill-istess awtoritatijiet** kontraenti;

(c) ma jkun hemm l-ebda parteċipazzjoni privata fil-persuna ġuridika kkontrollata.

Għall-finijiet tal-punt (a), l-awtoritajiet kontraenti għandhom jitqiesu li

tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu meta din teżerċita influwenza determinanti kemm fuq l-għanijiet strateġiċi kif ukoll fuq id-deċiżjonijiet importanti tal-persuna ġuridika kkontrollata.

2. Il-paragrafu 1 japplika wkoll meta entità kkontrollata, li hija awtorità kontraenti, tagħti kuntratt lill-entità **jew entitajiet li jkollha/jkollhom il-kontroll** tagħha, jew lil xi persuna ġuridika kkontrollata mill-istess awtorità kontraenti, sakemm ma jkun hemm l-ebda parteċipazzjoni privata fil-persuna ġuridika li jingħatalha l-kuntratt ta' appalt, **bl-eċċezzjoni ta' forom ta' parteċipazzjoni privata infurzati bil-liġi**.

3. Awtorità kontraenti li ma teżerċitax kontroll fuq persuna ġuridika skont it-tifsira tal-paragrafu 1, xorta waħda tista' tagħti kuntratt ta' appalt **barra l-kamp ta' applikazzjoni ta'** din id-Direttiva lil persuna ġuridika li hija tikkontrolla b'mod konġunt ma' awtoritajiet kontraenti oħra, **u l-persuna legali li fuqha l-awtorità jew l-awtoritajiet kontraenti teżerċita / jeżerċitaw kontroll tista' takkwista prodotti u servizzi mingħand dawk is-sidien pubbliċi mingħajr ma tapplika din id-Direttiva**, meta jiġu sodisfatti il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-awtoritajiet kontraenti jeżerċitaw b'mod konġunt fuq il-persuna ġuridika kontroll li jkun simili għal dak li huma jeżerċitaw fuq id-dipartimenti tagħhom stess;

(b) mill-inqas **80%** tal-attivitajiet ta' dik il-persuna ġuridika jitwettqu **għall-awtorità** kontraenti li jikkontrollawha jew għal persuni ġuridiċi oħra kkontrollati **minn dik l-awtorità** kontraenti;

(c) ma jkun hemm l-ebda parteċipazzjoni privata fil-persuna ġuridika kkontrollata, **bl-eċċezzjoni ta' forom ta' parteċipazzjoni privata infurzati bil-liġi**.

Għall-finijiet tal-punt (a), l-awtoritajiet kontraenti għandhom jitqiesu li

jikkontrollaw b'mod konġunt persuna ġuridika fejn jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

(a) il-korpi li jieħdu d-deċiżjonijiet tal-persuna ġuridika kkontrollata huma ffurmati minn rappreżentanti ta' kull awtorità kontraenti parteċipanti;

(b) dawk l-awtoritajiet kontraenti huma kapaċi jeżerċitaw flimkien influwenza deċiżiva fuq l-għanijiet strateġiċi u d-deċiżjonijiet importanti tal-persuna ġuridika kkontrollata;

(c) il-persuna ġuridika kkontrollata ma tfittex l-ebda interess li huwa distint minn dak tal-awtoritajiet pubbliċi li hija affiljata magħhom;

(d) il-persuna ġuridika kkontrollata ma tikseb l-ebda gwadann ieħor, minbarra r-rimborż tal-ispejjeż attwali mill-kuntratti pubbliċi mal-awtoritajiet kontraenti.

4. Ftehim konkluż bejn żewġ awtoritajiet kontraenti jew aktar ma għandux jitqies bħala kuntratt ta' appalt skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6) ta' din id-Direttiva, meta jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

(a) il-ftehim jistabbilixxi kooperazzjoni leali bejn l-awtoritajiet kontraenti parteċipanti, bil-għan li jwettaq b'mod konġunt ix-xogħlijiet ta' servizz pubbliku tagħhom u li jinvolvi drittijiet u obbligi reċiproċi tal-partijiet;

(b) il-ftehim huwa regolat biss minn kunsiderazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-interess pubbliku;

(c) l-awtoritajiet pubbliċi parteċipanti ma jwettqux fis-suq miftuħ aktar minn **10%** f'termini tal-fatturat tal-attivitajiet li huma rilevanti fil-kuntest tal-ftehim;

jikkontrollaw b'mod konġunt persuna ġuridika fejn jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

(a) il-korpi li jieħdu d-deċiżjonijiet tal-persuna ġuridika kkontrollata huma ffurmati minn rappreżentanti ta' kull awtorità kontraenti parteċipanti, ***filwaqt li rappreżentant wieħed jista' jirrapreżenta awtorità kontraenti waħda jew aktar li jipparteċipaw;***

(b) dawk l-awtoritajiet kontraenti huma kapaċi jeżerċitaw flimkien influwenza deċiżiva fuq l-għanijiet strateġiċi u d-deċiżjonijiet importanti tal-persuna ġuridika kkontrollata;

(d) il-persuna ġuridika kkontrollata ma tikseb l-ebda gwadann ieħor, minbarra r-rimborż tal-ispejjeż attwali mill-kuntratti pubbliċi mal-awtoritajiet kontraenti.

4. Ftehim konkluż bejn żewġ awtoritajiet kontraenti jew aktar ma għandux jitqies bħala kuntratt ta' appalt skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6) ta' din id-Direttiva, ***u għalhekk jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva*** meta jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

(a) l-għan tas-sħubija huwa l-provvista ta' kompiju tas-servizz pubbliku mogħti lill-awtoritajiet pubbliċi kollha parteċipanti;

(b) il-ftehim huwa regolat biss minn kunsiderazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-interess pubbliku;

(c) l-awtoritajiet pubbliċi parteċipanti ma jwettqux fis-suq miftuħ aktar minn **20 %** f'termini tal-fatturat tal-attivitajiet li huma rilevanti fil-kuntest tal-ftehim;

(d) Il-ftehim ma jinvolvi trasferimenti finanzjarji bejn awtoritajiet kontraenti parteċipanti, minbarra dawk li jikkorrispondu għar-rimborż tal-ispejjeż attwali tax-xogħlijiet, is-servizzi jew il-provvisti;

(e) ma hemmx parteċipazzjoni privata fl-ebda waħda mill-awtoritajiet kontraenti involuti.

5. Fil-mument tal-għoti tal-kuntratt jew tal-konklużjoni tal-ftehim għandu jiġi vverifikat li m'hemmx l-ebda parteċipazzjoni privata msemmija fil-paragrafi 1 sa 4.

L-esklużjonijiet previsti fil-paragrafi 1 sa 4 għandhom jieqfu milli japplikaw mill-mument li fih isseħħ kwalunkwe parteċipazzjoni privata, bl-effett li l-kuntratti attwali jkunu jridu jinfetħu għall-kompetizzjoni permezz ta' proċeduri regolari ta' akkwist.

(d) Il-ftehim ma jinvolvi trasferimenti finanzjarji bejn awtoritajiet kontraenti parteċipanti, minbarra dawk li jikkorrispondu għar-rimborż tal-ispejjeż attwali tax-xogħlijiet, is-servizzi jew il-provvisti;

(e) ***il-kompitu jitwettaq biss mill-awtoritajiet pubbliċi kkonċernati u*** ma hemmx parteċipazzjoni privata ***attiva*** fl-ebda waħda mill-awtoritajiet kontraenti involuti ***bl-eċċezzjoni tal-forom ta' parteċipazzjoni privata infurzati bil-liġi.***

5. Fil-mument tal-għoti tal-kuntratt jew tal-konklużjoni tal-ftehim għandu jiġi vverifikat li m'hemmx l-ebda parteċipazzjoni privata ***attiva*** msemmija fil-paragrafi 1 sa 4.

L-esklużjonijiet previsti fil-paragrafi 1 sa 4 għandhom jieqfu milli japplikaw mill-mument li fih isseħħ kwalunkwe parteċipazzjoni privata, ***bl-eċċezzjoni ta' forom ta' parteċipazzjoni privata infurzati bil-liġi,*** bl-effett li l-kuntratti attwali jkunu jridu jinfetħu għall-kompetizzjoni permezz ta' proċeduri regolari ta' akkwist.

Emenda 24

Proposta għal direttiva Artikolu 15

Test propost mill-Kummissjoni

Prinċipju tal-akkwisti

Emenda

L-għan u l-prinċipji tal-akkwisti

-1. L-għan ta' din id-Direttiva hu li tiġi salvagwardjata l-effiċjenza fl-użu tal-fondi pubbliċi, jiġi promoss l-akkwist pubbliku ta' kwalità għolja, tissaħħaħ il-kompetizzjoni u l-funzjonament tas-swieq tal-akkwist pubbliku u jiġu salvagwardjati opportunitajiet indaqs għal kumpaniji u fornituri oħrajn fl-għoti ta' forniment, servizz u kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi f'offerta kompetittivi għall-akkwist pubbliku. L-akkwist pubbliku għandu

I. L-awtoritajiet kontraenti għandhom jittrattaw lill-atturi ekonomiċi bl-istess mod u mingħajr diskriminazzjoni u għandhom jaġixxu b'mod trasparenti u proporzjonat. Id-disinn tal-akkwist ma għandux isir bil-għan li l-akkwist jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jew sabiex inaqqas il-kompetizzjoni b'mod artifiċjali.

jintuża biex jinkiseb tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv u biex jappoġġja għanijiet komuni tas-soċjetà u biex jipprovdi oġġetti u servizzi ta' kwalità għolja. Hu d-dritt tal-awtoritajiet pubbliċi li jiddeċiedu kif iridu jipprovdu l-ikkummissjonar u jorganizzaw is-servizzi tagħhom.

I. L-awtoritajiet kontraenti għandhom jittrattaw lill-atturi ekonomiċi bl-istess mod u mingħajr diskriminazzjoni u għandhom jaġixxu b'mod trasparenti u proporzjonat. **Id-dettalji ta' kuntratti pubbliċi għandhom isiru pubbliċi.** Id-disinn tal-akkwist ma għandux isir bil-għan li l-akkwist jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jew sabiex inaqqas il-kompetizzjoni b'mod artifiċjali.

Ia. L-operaturi ekonomiċi għandhom jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti mill-Unjoni u/jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali u/jew il-ftehimiet kollettivi fil-qasam tad-dispożizzjonijiet għall-ħarsien soċjali u tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol jew il-liġi ambjentali jew tad-dispożizzjonijiet tal-liġi internazzjonali soċjali u ambjentali elenkati fl-Anness XI, li huma fis-seħħ fl-Istat Membru, fir-reġjun jew fil-lokalità fejn jitwettqu x-xogħlijiet jew jiġu pprovdu s-servizzi. Din id-Direttiva ma żżommx lill-Istati Membri milli jikkonformaw mal-Konvenzjoni 94 dwar Klawżoli tax-Xogħol fil-kuntratti pubbliċi. L-awtoritajiet kontraenti għandhom jivverifikaw li l-kuntratturi jkunu ta' reputazzjoni tajba u li ma jkunux kisru b'mod gravi liġijiet nazzjonali jew internazzjonali dwar l-ambjent, aspetti soċjali, ix-xogħol jew liġijiet oħra rilevanti.

Ib. L-awtoritajiet kontraenti għandhom jimmiraw għall-aħkar valur fil-politika dwar l-akkwist. Dan jinkiseb permezz tal-għoti tal-kuntratt pubbliku għall-aktar offerta ekonomikament vantaġġjuża u

sostenibbli.

Emenda 25

Proposta għal direttiva Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri jistgħu jirriżervaw id-dritt li jipparteċipaw fi proċeduri ta' akkwist pubbliku għal workshops protetti jew atturi ekonomiċi li l-għan tagħhom huwa l-integrazzjoni soċjali u professjonali ta' ħaddiema li għandhom diżabbiltà jew li huma żvantaġġati jew jipprovdu sabiex dawn il-kuntratti jitwettqu fil-kuntest tal-programmi ta' impjiegi protetti, sakemm aktar minn 30% tal-impjegati ta' dawk il-workshops, atturi jew programmi ekonomiċi huma persuni b' diżabbiltà **jew ħaddiema** żvantaġġati.

Emenda

1. L-Istati Membri jistgħu jirriżervaw id-dritt li jipparteċipaw fi proċeduri ta' akkwist pubbliku għal workshops protetti jew atturi ekonomiċi li l-għan tagħhom huwa l-integrazzjoni soċjali u professjonali ta' ħaddiema li għandhom diżabbiltà jew li huma żvantaġġati jew jipprovdu sabiex dawn il-kuntratti jitwettqu fil-kuntest tal-programmi ta' impjiegi protetti, sakemm aktar minn 30% tal-impjegati ta' dawk il-workshops, atturi jew programmi ekonomiċi huma persuni b' diżabbiltà **u/jew persuni** żvantaġġati. **'Persuni żvantaġġati' jinkludu fost l-oħrajn: persuni qiegħda, nies li qed iġarrbu diffikultà biex jiksbu integrazzjoni, nies f'riskju ta' esklużjoni, membri ta' gruppi vulnerabbli u membri ta' minoranzi żvantaġġati. Is-sejħa għall-kompetizzjoni tista' tagħmel referenza għal din id-dispożizzjoni.**

Ġustifikazzjoni

It-terminu 'persuni żvantaġġati' jeħtieġ li jkun speċifikat peress li huwa ħafna usa' minn 'persuni b'diżabbiltà' kif imsemmi fid-Direttivi attwali. Din id-definizzjoni toħloq iktar ċarezza legali.

Emenda 26

Proposta għal direttiva Artikolu 29 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Huma biss dawk l-atturi ekonomiċi mistiedna mill-awtorità kontraenti wara l-valutazzjoni tagħha tal-informazzjoni

Emenda

Huma biss dawk l-atturi ekonomiċi mistiedna mill-awtorità kontraenti wara l-valutazzjoni tagħha tal-informazzjoni

mitluba li jistgħu jissottomettu proġetti ta' riċerka u innovazzjoni bil-għan li jissodisfaw il-ħtiġijiet identifikati mill-awtorità kontraenti li ma jistgħux jiġu sodisfatti mis-soluzzjonijiet eżistenti. Il-kuntratt għandu jingħata fuq il-bażi unika tal-kriterju ta' għoti tal-aktar offerta ekonomikament vantaġġjuża skont l-Artikolu 66(1)(a).

mitluba li jistgħu jissottomettu proġetti ta' riċerka u innovazzjoni bil-għan li jissodisfaw il-ħtiġijiet identifikati mill-awtorità kontraenti li ma jistgħux jiġu sodisfatti mis-soluzzjonijiet eżistenti. Il-kuntratt għandu jingħata fuq il-bażi unika tal-kriterju ta' għoti tal-aktar offerta ekonomikament vantaġġjuża skont l-Artikolu 66(1)(a) **u l-Artikolu 66(2)**.

Emenda 27

Proposta għal direttiva

Artikolu 40 – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Ir-rekwiżiti għandhom ikunu limitati għas-suġġett tal-kuntratt u l-awtorità kontraenti għandha tkun tista' ssegwi u tikkontrolla li r-rekwiżiti huma sodisfatti;

Emenda 28

Proposta għal direttiva

Artikolu 40 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Mingħajr ħsara għar-regoli tekniċi nazzjonali mandatorji, sa fejn ikunu kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jiġu formulati ***b'wieħed minn dawn il-modi*** li ***ġejjin***:

Mingħajr ħsara għar-regoli tekniċi nazzjonali mandatorji, sa fejn ikunu kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jiġu formulati ***b'din l-ordni ta' prijorità*** li ***ġejja***:

Emenda 29

Proposta għal direttiva

Artikolu 40 – paragrafu 3 – punt -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-1) permezz ta' referenza għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u, fl-ordni ta'

prijorità, għall-istandards nazzjonali li jitrassponu l-istandards Ewropej, l-approvazzjonijiet tekniċi Ewropej, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi komuni, l-istandards internazzjonali, sistemi ta' referenzi tekniċi oħrajn stabbiliti mill-korpi ta' standardizzazzjoni Ewropej jew -fejn daww ma jeżistux - l-istandards nazzjonali, l-approvazzjonijiet tekniċi nazzjonali jew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi nazzjonali relatati mad-disinn, il-kalkolu u t-twettiq ta' xogħlijiet u l-użu tal-provvisti; kull referenza għandha tkun akkumpanjata mill-kliem 'jew ekwivalenti';

Emenda 30

**Proposta għal direttiva
Artikolu 40 – paragrafu 3 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) permezz ta' referenza għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u, fl-ordni ta' preferenza, għall-istandards nazzjonali li jitrassponu l-istandards Ewropej, l-approvazzjonijiet tekniċi Ewropej, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi komuni, l-istandards internazzjonali, sistemi ta' referenzi tekniċi oħrajn stabbiliti mill-korpi ta' standardizzazzjoni Ewropej jew -fejn daww ma jeżistux - l-istandards nazzjonali, l-approvazzjonijiet tekniċi nazzjonali jew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi nazzjonali relatati mad-disinn, il-kalkolu u t-twettiq ta' xogħlijiet u l-użu tal-provvisti; kull referenza għandha tkun akkumpanjata mill-kliem 'jew ekwivalenti';

imħassar

Emenda 31

**Proposta għal direttiva
Artikolu 40 – paragrafu 3 – punt c**

Test propost mill-Kummissjoni

(c) f'termini ta' rekwiżiti ta' rendiment jew ta' funzjoni kif imsemmi fil-punt (a), b'referenza għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija **fil-punt (b)** bħala mezz ta' suppożizzjoni ta' konformità ma' dawn ir-rekwiżiti ta' rendiment jew ta' funzjoni;

Emenda 32

Proposta għal direttiva

Artikolu 40 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) permezz ta' referenza għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija **fil-punt (b)** għal ċerti karatteristiċi, u b'referenza għar-rekwiżiti ta' rendiment jew ta' funzjoni msemmija fil-punt (a) għal karatteristiċi oħrajn.

Emenda 33

Proposta għal direttiva

Artikolu 41

Test propost mill-Kummissjoni

Fejn l-awtoritajiet kontraenti jistabbilixxu karatteristiċi ambjentali, soċjali jew karatteristiċi oħrajn ta' xogħlijiet, servizz jew provvista f'termini ta' rekwiżiti ta' twettiq jew funzjonali kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 40 (3), dawn jistgħu jkunu jeħtieġu li dawn ix-xogħlijiet, servizzi jew provvisti jingħataw tikketta speċifika, dejjem jekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) ir-rekwiżiti għat-tikketta jikkonċernaw biss karatteristiċi li huma marbutin mas-suġġett tal-kuntratt u huma xierqa sabiex jiddefinixxu l-karatteristiċi tax-xogħlijiet,

Emenda

(c) f'termini ta' rekwiżiti ta' rendiment jew ta' funzjoni kif imsemmi fil-punt (a), b'referenza għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija **fil-punt (-1)** bħala mezz ta' suppożizzjoni ta' konformità ma' dawn ir-rekwiżiti ta' rendiment jew ta' funzjoni;

Emenda

(d) permezz ta' referenza għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija **fil-punt (-1)** għal ċerti karatteristiċi, u b'referenza għar-rekwiżiti ta' rendiment jew ta' funzjoni msemmija fil-punt (a) għal karatteristiċi oħrajn.

Emenda

Fejn l-awtoritajiet kontraenti jistabbilixxu karatteristiċi ambjentali, soċjali jew karatteristiċi oħrajn ta' xogħlijiet, servizz jew provvista f'termini ta' rekwiżiti ta' twettiq jew funzjonali kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 40 (3), dawn jistgħu jkunu jeħtieġu li dawn ix-xogħlijiet, servizzi jew provvisti jingħataw tikketta speċifika, dejjem jekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) ir-rekwiżiti għat-tikketta jikkonċernaw biss karatteristiċi li huma marbutin mas-suġġett tal-kuntratt **jew mal-produzzjoni tas-suġġett tal-kuntratt** u huma xierqa

provvisi jew servizzi li huma s-suġġett tal-kuntratt;

(b) ir-rekwiżiti għat-tikketta huma mfassla fuq il-bażi ta' informazzjoni xjentifika jew ibbażati fuq kriterji oġġettivi verifikabbli u mhux diskriminatorji oħrajn;

(c) it-tikketti huma stabbiliti fi proċedura miftuħa u trasparenti li fiha jistgħu jipparteċipaw il-partijiet interessati kollha, inklużi l-korpi pubbliċi, il-konsumaturi, il-manifatturi, id-distributuri u l-organizzazzjonijiet ambjentali,

(d) it-tikketti huma aċċessibbli għall-partijiet interessati kollha.

(e) **il-kriterji** tat-tikketti huma **stipulati** minn parti terza li hija indipendenti mill-attur ekonomiku li jkun qed japplika għat-tikketta.

L-awtoritajiet kontraenti li jeħtieġu tikketta speċifika għandhom jaċċettaw it-tikketti ekwivalenti kollha li jinkludu r-rekwiżiti bħat-tikketta speċifika indikata mill-awtoritajiet kontraenti. Għall-prodotti li ma għandhomx tikketta, l-awtoritajiet kontraenti **għandhom** jaċċettaw ukoll fajl tekniku tal-manifattur jew mezz xierqa oħra ta' prova.

sabiex jiddefinixxu l-karatteristiċi tax-xogħlijiet, provvisi jew servizzi li huma s-suġġett tal-kuntratt;

(b) ir-rekwiżiti għat-tikketta huma mfassla fuq il-bażi ta' informazzjoni xjentifika jew ibbażati fuq kriterji oġġettivi verifikabbli u mhux diskriminatorji oħrajn;

(c) it-tikketti huma stabbiliti fi proċedura miftuħa u trasparenti li fiha jistgħu jipparteċipaw il-partijiet interessati kollha, inklużi l-korpi pubbliċi, il-konsumaturi, il-manifatturi, id-distributuri, **is-sħab soċjali** u l-organizzazzjonijiet ambjentali **u soċjali**,

(d) it-tikketti huma aċċessibbli għall-partijiet interessati kollha.

(e) **l-attribuzzjoni u l-verifika** tat-tikketti huma **mwettqa** minn parti terza li hija indipendenti mill-attur ekonomiku li jkun qed japplika għat-tikketta.

L-awtoritajiet kontraenti li jeħtieġu tikketta speċifika għandhom jaċċettaw it-tikketti ekwivalenti kollha li jinkludu r-rekwiżiti bħat-tikketta speċifika indikata mill-awtoritajiet kontraenti. Għall-prodotti li ma għandhomx tikketta, l-awtoritajiet kontraenti **jistgħu** jaċċettaw ukoll fajl tekniku tal-manifattur jew mezz xierqa oħra ta' prova **ta' ekwivalenza. Il-piż sabiex tiġi pprovduta prova ta' ekwivalenza ma' tikketta speċifika għandu jkun fuq l-offerent li jitolb l-ekwivalenza.**

Emenda 34

Proposta għal direttiva Artikolu 54 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-awtoritajiet kontraenti **jistgħu** jiddeċiedu li ma jagħtux kuntratt lill-offerent li jissottometti l-aħjar offerta fejn dawn ikunu stabbilixxew li l-offerta ma tikkonformax, għall-inqas b'mod ekwivalenti mal-obbligi stabbiliti mil-

Emenda

2. L-awtoritajiet kontraenti **għandhom** jiddeċiedu li ma jagħtux kuntratt lill-offerent li jissottometti l-aħjar offerta fejn dawn ikunu stabbilixxew li l-offerta ma tikkonformax mal-obbligi stabbiliti mil-leġislazzjoni tal-Unjoni **jew nazzjonali**

leġislazzjoni tal-Unjoni fil-qasam **tal-liġi** soċjali u tax-xogħol jew tal-liġi ambjentali jew mad-dispożizzjonijiet tal-liġi internazzjonali soċjali u ambjentali elenkati fl-Anness XI.

u/jew ftehimiet kollettivi fil-qasam **tad-dispożizzjonijiet għall-ħarsien** soċjali u tax-xogħol **u l-kundizzjonijiet tax-xogħol** jew tal-liġi ambjentali jew mad-dispożizzjonijiet tal-liġi internazzjonali soċjali u ambjentali elenkati fl-Anness XI, **fis-seħħ fl-Istat Membru, fir-reġjun jew lokalità fejn jitwettqu x-xogħlijiet, is-servizzi jew il-provvista, inkluża l-katina ta' sottokuntrattar u bil-kundizzjoni li dawn huma marbuta mas-suġġett tal-kuntratt.**

Emenda 35

Proposta għal direttiva

Artikolu 55 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) traffikar tal-bnedmin, l-użu tat-tħaddim tat-tfal jew reati oħra kontra d-drittijiet tal-bniedem.

Emenda 36

Proposta għal direttiva

Artikolu 55 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Kull attur ekonomiku għandu jiġi eskluż milli jieħu sehem f'kuntratt fejn l-awtorità kontraenti tkun mgħarrfa b'deċiżjoni li tkun għaddiet f'ġudikat bħala 'res judicata' fejn tistabbilixxi li dan ma jkunx issodisfa l-obbligi relatati mal-ħlas ta' taxxi **jew tal-kontribuzzjonijiet** tas-sigurtà soċjali skont id-dispożizzjonijiet legali tal-pajjiż li fih hija stabbilita jew skont dawk tal-Istat Membru tal-awtorità kontraenti.

2. Kull attur ekonomiku għandu jiġi eskluż milli jieħu sehem f'kuntratt fejn l-awtorità kontraenti tkun mgħarrfa b'deċiżjoni li tkun għaddiet f'ġudikat bħala 'res judicata' fejn tistabbilixxi li dan ma jkunx issodisfa l-obbligi relatati mal-ħlas ta' taxxi, **rimunerazzjoni, il-kontribuzzjonijiet** tas-sigurtà soċjali **jew obbligi fundamentali oħra fil-qasam tad-dispożizzjonijiet għall-ħarsien soċjali u tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol**, skont id-dispożizzjonijiet legali tal-pajjiż li fih hija stabbilita jew skont dawk tal-Istat Membru tal-awtorità kontraenti.

Emenda 37

Proposta għal direttiva

Artikolu 55 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) fejn tkun mgħarrfa bi kwalunkwe vjolazzjoni tal-obbligi stabbiliti mil-leġislazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-liġi soċjali u tax-xogħol jew il-liġi ambjentali jew tad-dispożizzjonijiet tal-liġi internazzjonali soċjali u ambjentali elenkati fl-Anness XI. Konformità mal-leġislazzjoni tal-Unjoni jew ma' dispożizzjonijiet internazzjonali tinkludi wkoll konformità b'mod ekwivalenti.

Emenda

(a) fejn tkun mgħarrfa bi kwalunkwe vjolazzjoni **oħra** tal-obbligi stabbiliti mil-leġislazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-liġi soċjali u tax-xogħol jew il-liġi ambjentali jew tad-dispożizzjonijiet tal-liġi internazzjonali soċjali u ambjentali elenkati fl-Anness XI. Konformità mal-leġislazzjoni tal-Unjoni jew ma' dispożizzjonijiet internazzjonali tinkludi wkoll konformità b'mod ekwivalenti.

Emenda 38

Proposta għal direttiva

Artikolu 55 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) fejn l-awtorità kontraenti tista' turi bi *kwalunkwe* mezz li l-attur ekonomiku huwa ħati ta' kondotta professjonali ħażina u serja oħra;

Emenda

(c) fejn l-awtorità kontraenti tista' turi bi *kwalunkwe* mezz li l-attur ekonomiku huwa ħati ta' kondotta professjonali ħażina u serja oħra, **u li aġixxa b'mod gravi kontra liġijiet nazzjonali dwar aspetti soċjali, ambjentali jew tax-xogħol ta' pajjiżu jew fil-pajjiż tal-awtorità kontraenti jew b'mod gravi ttraskura s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema;**

Emenda 39

Proposta għal direttiva

Artikolu 55 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Kull kandidat jew offerent li qiegħed f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 **jista'** jipprovdi lill-awtorità kontraenti bil-provi li juru l-affidabilità tiegħu minkejja l-eżistenza tar-

Emenda

Jekk kandidat jew offerent li qiegħed f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, 2 u 3 jipprovdi lill-awtorità kontraenti bil-provi li juru l-affidabilità tiegħu **jew, kif xieraq, il-fiduċja fis-**

raġuni rilevanti għall-esklużjoni.

sottokuntratturi tiegħu, minkejja l-eżistenza tar-raġuni rilevanti għall-esklużjoni, ***l-awtorità kontraenti tista' tikkunsidra mill-ġdid l-esklużjoni tal-offerta.***

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jitwaqqaf il-funzjonament ta' dan l-Artikolu. L-operatur m'għandux jagħmel "awtotindif", iżda għandu jkun f'idejn l-awtorità kontraenti li tiegħu deċiżjoni kontra l-esklużjoni jekk tingħata evidenza.

Emenda 40

Proposta għal direttiva Artikolu 60 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Għandha tiġi pprovduta prova li l-offerenti jew il-kandidati jkunu ħadu inkunsiderazzjoni, matul it-tfassil tal-offerta tagħhom, l-obbligi relatati mat-taxxi, il-ħarsien ambjentali, id-dispożizzjonijiet il-ħarsien soċjali u tax-xogħol li huma fis-seħħ fl-Istat Membru, fir-reġjun jew il-lokalità fejn għandhom jitwettqu x-xogħlijiet jew fejn għandhom jiġu pprovduti s-servizzi.

Emenda 41

Proposta għal direttiva Artikolu 66

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Mingħajr ħsara għal-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali li jikkonċernaw ir-remunerazzjoni ta' ċerti servizzi, ***il-kriterji*** li l-awtoritajiet kontraenti għandhom jibbażaw l-għoti ta' kuntratti pubbliċi ***fuqhom għandhom ikunu waħda minn dawn li ġejjin:***

Mingħajr ħsara għal-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali li jikkonċernaw ir-remunerazzjoni ta' ċerti servizzi, ***il-kriterju*** li l-awtoritajiet kontraenti għandhom jibbażaw l-għoti ta' kuntratti pubbliċi ***fuqu għandu jkun l-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża u sostenibbli.***

(a) *l-aktar offerta ekonomikament vantaġġjuża;*

(b) *l-aktar spiża baxxa.*

L-ispejjeż *jistgħu* jiġu valutati, *skont l-għażla tal-awtorità kontraenti, fuq il-bażi tal-prezz biss jew* billi jintuża approċċ tal-kosteffiċenza, bħall-approċċ tal-ispejjeż tul iċ-ċiklu tal-ħajja, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 67.

2. *Mill-punt ta' vista tal-awtorità kontraenti*, l-aktar offerta ekonomikament *vantaġġjuża msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1* għandha tiġi identifikata fuq il-bażi tal-kriterji marbutin mas-suġġett tal-kuntratt pubbliku inkwistjoni. Dawk il-kriterji għandhom jinkludu, minbarra l-prezz jew l-ispejjeż *imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1, kriterji oħrajn marbutin mas-suġġett tal-kuntratt pubbliku inkwistjoni*, bħal:

(a) il-kwalità, inklużi l-mertu tekniku, il-karatteristiċi estetiċi u funzjonali, l-aċċessibilità, id-disinjar għall-utenti kollha, il-karatteristiċi ambjentali u l-karattru innovattiv.

(b) għal kuntratti ta' servizzi u kuntratti li jinvolvu d-disinjar ta' xogħlijiet, *jistgħu* jkunu kkunsidrati l-organizzazzjoni, il-kwalifiki u l-esperjenza tal-persunal assenjat għat-twettiq tal-kuntratt inkwistjoni, bil-konsegwenza li, wara l-għoti tal-kuntratt, dan il-persunal jista' jiġi sostitwit biss bil-kunsens tal-awtorità kontraenti, li trid tivverifika li s-sostituti jiżguraw organizzazzjoni u *kwalità* ekwivalenti;

(c) is-servizz ta' wara l-bejgħ u l-assistenza teknika, id-data ta' twassil u l-perjodu ta' twassil jew il-perjodu ta' tlestija;

(d) il-proċess speċifiku ta' produzzjoni jew

L-ispejjeż *għandhom* jiġu valutati, billi jintuża approċċ tal-kosteffiċenza, bħall-approċċ tal-ispejjeż tul iċ-ċiklu tal-ħajja, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 67.

2. L-aktar offerta ekonomikament vantaġġjuża *u sostenibbli* għandha tiġi identifikata fuq il-bażi tal-kriterji marbutin mas-suġġett tal-kuntratt pubbliku inkwistjoni. Dawk il-kriterji għandhom jinkludu, minbarra l-prezz jew l-ispejjeż, *inklużi spejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja kif imsemmi fl-Artikolu 67, kriterji oħra marbutin mas-suġġett tal-kuntratt pubbliku inkwistjoni*, bħal:

(a) il-kwalità, inklużi l-mertu tekniku, il-karatteristiċi estetiċi u funzjonali, l-aċċessibilità, id-disinjar għall-utenti kollha, il-karatteristiċi ambjentali *u soċjali*, u l-karattru innovattiv;

(b) għal kuntratti ta' servizzi u kuntratti li jinvolvu d-disinjar ta' xogħlijiet, *jistgħu* jkunu kkunsidrati l-organizzazzjoni, il-kwalifiki u l-esperjenza tal-persunal assenjat għat-twettiq tal-kuntratt inkwistjoni *kif ukoll il-kwalifika u l-kondotta professjonali ta' kwalunkwe sottokuntrattur*, bil-konsegwenza li, wara l-għoti tal-kuntratt, dan il-persunal jista' jiġi sostitwit biss bil-kunsens tal-awtorità kontraenti, li trid tivverifika li s-sostituti jiżguraw organizzazzjoni, *kwalifika* u *esperjenza* ekwivalenti;

(c) is-servizz ta' wara l-bejgħ u l-assistenza teknika, id-data ta' twassil u l-perjodu ta' twassil jew il-perjodu ta' tlestija;

(d) il-proċess speċifiku ta' produzzjoni jew

forniment tax-xogħlijiet, provvisti jew servizzi mitluba jew ta' kwalunkwe stadju ieħor tul iċ-ċiklu tal-ħajja msemmi **fil-punt (22)** tal-Artikolu 2, sa fejn dawk il-kriterji huma speċifikati skont il-paragrafu 4 u jikkonċernaw fatturi direttament involuti f'dawn il-proċessi u jikkarakterizzaw il-proċess speċifiku ta' produzzjoni u forniment tax-xogħlijiet, provvisti jew servizzi mitluba.

3. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li dak l-għoti ta' ċerti tipi ta' kuntratti għandu jkun ibbażat fuq l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża kif imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1 u fil-paragrafu 2.

4. Il-kriterji tal-għoti **ma għandhomx jagħtu lill-awtorità kontraenti libertà mingħajr restrizzjonijiet għall-għażla.** Għandhom jiżguraw il-possibilità ta' kompetizzjoni effettiva u għandhom ikunu akkumpanjati minn rekwiżiti li jippermettu li tiġi verifikata b'mod effettiv dik l-informazzjoni pprovduta mill-offerenti. L-awtoritajiet kontraenti għandhom jivverifikaw b'mod effettiv jekk l-offerti jissodisfawx il-kriterji tal-għoti fuq il-bażi tal-informazzjoni u l-provi pprovduti mill-offerenti.

5. Fil-każ imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1, fl-avviż dwar kuntratt, fl-istedina għall-konferma tal-interess, fid-dokumenti tal-akkwist jew, fil-każ ta' djalogu kompetittiv, fid-dokument deskrittiv, l-awtorità kontraenti għandha tispeċifika il-koeffiċjent relattiv li hi tagħti lil kull wieħed mill-kriterji magħżula sabiex tiddetermina l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża.

Dawk il-koeffiċjenti jistgħu jkunu espressi billi tkun provduta sensiela b'firxa massima adattata.

Fejn għal raġunijiet oġġettivi l-ippeżar mhuwiex possibbli, l-awtorità kontraenti għandha tindika l-kriterji f'ordni

forniment tax-xogħlijiet, provvisti jew servizzi mitluba jew ta' kwalunkwe stadju ieħor tul iċ-ċiklu tal-ħajja msemmi **fil-punt 22** tal-Artikolu 2, sa fejn dawk il-kriterji huma speċifikati skont il-paragrafu 4 u jikkonċernaw fatturi direttament involuti f'dawn il-proċessi u jikkarakterizzaw il-proċess speċifiku ta' produzzjoni u forniment tax-xogħlijiet, provvisti jew servizzi mitluba.

4. Il-kriterji tal-għoti **għandhom ikunu marbuta mas-suġġett inkwistjoni,** għandhom jiżguraw il-possibilità ta' kompetizzjoni effettiva **u ġusta** u għandhom ikunu akkumpanjati minn rekwiżiti li jippermettu li tiġi verifikata b'mod effettiv dik l-informazzjoni pprovduta mill-offerenti. L-awtoritajiet kontraenti għandhom jivverifikaw b'mod effettiv jekk l-offerti jissodisfawx il-kriterji tal-għoti fuq il-bażi tal-informazzjoni u l-provi pprovduti mill-offerenti.

5. Fl-avviż dwar kuntratt, fl-istedina għall-konferma tal-interess, fid-dokumenti tal-akkwist jew, fil-każ ta' djalogu kompetittiv, fid-dokument deskrittiv, l-awtorità kontraenti għandha tispeċifika il-koeffiċjent relattiv li hi tagħti lil kull wieħed mill-kriterji magħżula sabiex tiddetermina l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża **u sostenibbli.**

Dawk il-koeffiċjenti jistgħu jkunu espressi billi tkun provduta sensiela b'firxa massima adattata.

Fejn għal raġunijiet oġġettivi l-ippeżar mhuwiex possibbli, l-awtorità kontraenti għandha tindika l-kriterji f'ordni

dixxendenti ta' importanza.

dixxendenti ta' importanza.

Emenda 42

Proposta għal direttiva Artikolu 67

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-ispejjeż tul iċ-ċiklu tal-ħajja għandhom ikopru l-ispejjeż kollha li ġejjin matul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodott, servizz jew xogħlijiet kif stipulat fil-punt (22) tal-Artikolu 2:

- (a) spejjeż interni, inklużi spejjeż relatati max-xiri, bħall-ispejjeż ta' produzzjoni, l-użu, bħall-konsum tal-enerġija, l-ispejjeż ta' manutenzjoni, u tmiem iċ-ċiklu tal-ħajja, bħall-ispejjeż ta' ġbir u riċiklaġġ u
- (b) spejjeż **ambjentali** esterni marbutin b'mod dirett maċ-ċiklu tal-ħajja, jekk il-valur monetarju tagħhom ikun jista' jiġi determinat u verifikat, li jistgħu jinkludu l-ispiża relatata ma' emissjonijiet ta' gassijiet serra u ta' emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa oħra u spejjeż oħrajn ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

2. Fejn l-awtoritajiet kontraenti jivvalutaw l-ispejjeż permezz ta' approċċ tal-ispejjeż tul iċ-ċiklu tal-ħajja, dawn għandhom jindikaw il-metodoloġija użata għall-kalkolu tal-ispejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja fid-dokumenti tal-akkwist. Il-metodoloġija użata għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (a) tkun tfasslet abbażi ta' informazzjoni xjentifika jew **hija bbażata** fuq kriterji verifikabbli b'mod oġġettiv u mhux diskriminatorji;

(b) tkun ġiet stabbilita għal applikazzjoni ripetuta jew kontinwa;

Emenda

1. L-ispejjeż tul iċ-ċiklu tal-ħajja għandhom ikopru l-ispejjeż kollha li ġejjin matul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodott, servizz jew xogħlijiet kif stipulat fil-punt (22) tal-Artikolu 2:

- (a) spejjeż interni, inklużi spejjeż relatati max-xiri, bħall-ispejjeż ta' produzzjoni, l-użu, bħall-konsum tal-enerġija, l-ispejjeż ta' manutenzjoni, u tmiem iċ-ċiklu tal-ħajja, bħall-ispejjeż ta' ġbir u riċiklaġġ u
- (b) spejjeż esterni **inklużi spejjeż soċjali u/jew ambjentali** marbutin b'mod dirett maċ-ċiklu tal-ħajja, jekk il-valur monetarju tagħhom ikun jista' jiġi determinat u verifikat, li jistgħu jinkludu **l-impatti tal-produzzjoni fuq l-ambjent tal-madwar u l-komunitajiet li jmissu magħhom jew l-ispiża relatata ma' emissjonijiet ta' gassijiet serra u ta' emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa oħra u spejjeż oħrajn ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.**

2. Fejn l-awtoritajiet kontraenti jivvalutaw l-ispejjeż permezz ta' approċċ tal-ispejjeż tul iċ-ċiklu tal-ħajja, dawn għandhom jindikaw il-metodoloġija użata għall-kalkolu tal-ispejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja **u jipprovdu l-metodu għall-kalkolu tal-ispejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja lil kull offerent** fid-dokumenti tal-akkwist. Il-metodoloġija użata għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin **u għandha, fejn possibbli, tkun issimplifikata sabiex tkun aċċessibbli għall-SMEs:**

- (a) tkun tfasslet abbażi ta' informazzjoni xjentifika jew fuq kriterji verifikabbli b'mod oġġettiv u mhux diskriminatorji;

(c) tkun aċċessibbli għall-partijiet interessati kollha.

L-awtoritajiet kontraenti għandhom jippermettu lill-atturi ekonomiċi, inklużu atturi ekonomiċi minn pajjiżi terzi, li japplikaw metodoloġija differenti għall-istabbiliment ta' spejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja tal-offerta tagħhom, sakemm jippruvaw li din il-metodoloġija tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti a, b u c u hija ekwivalenti għall-metodoloġija indikata mill-awtorità kontraenti.

3. Kull *meta, permezz ta' att leġiżlattivi tal-Unjoni, tiġi adottata* metodoloġija komuni għall-kalkolu tal-ispejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja, *inkluż permezz ta' atti ddelegati* skont il-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur, *din* għandha *tiġi applikata fejn il-kalkolu tal-ispejjeż tul iċ-ċiklu tal-ħajja jkun inkluż* fil-kriterji tal-ġhoti msemmija fl-Artikolu 66(1).

Il-lista ta' dawn l-atti leġiżlattivi u ddelegati hija pprovduta fl-Anness XV. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 89 rigward l-aġġornar ta' din il-lista, fejn fuq il-bażi tal-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida, ikunu meħtieġa t-tħassir jew il-modifika ta' din il-leġiżlazzjoni jew dawn l-emendi.

Emenda 43

Proposta għal direttiva Article 69 – paragraph 3, 4

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-ispjegazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 *jistgħu jkunu* relatati b'mod partikolari ma':

(d) konformità, *għall-inqas b'mod ekwivalenti*, mal-obbligi stabbiliti mil-

(c) tkun aċċessibbli għall-partijiet interessati kollha.

L-awtoritajiet kontraenti għandhom jippermettu lill-atturi ekonomiċi, inklużu atturi ekonomiċi minn pajjiżi terzi, li japplikaw metodoloġija differenti għall-istabbiliment ta' spejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja tal-offerta tagħhom, sakemm jippruvaw li din il-metodoloġija tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti a, b u c u hija ekwivalenti għall-metodoloġija indikata mill-awtorità kontraenti. ***L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jitolbu dokument ċċertifikat minn parti terza bħala prova li ġiet issodisfata l-ekwivalenza.***

3. Kull metodoloġija komuni għall-kalkolu tal-ispejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja ***adottata bħala parti minn att leġiżlattivi tal-Unjoni***, skont il-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur, ***jew bħala parti minn speċifikazzjoni teknika Ewropea***, għandha ***titqies li tissodisfa l-kriterji kif stabbiliti fil-paragrafu 2, u tista' tkun inkluża*** fil-kriterji tal-ġhoti msemmija fl-Artikolu 66(1).

Il-lista ta' dawn l-atti leġiżlattivi u ddelegati hija pprovduta fl-Anness XV. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 89 rigward l-aġġornar ta' din il-lista, fejn fuq il-bażi tal-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida, ikunu meħtieġa t-tħassir jew il-modifika ta' din il-leġiżlazzjoni jew dawn l-emendi.

Emenda

3. L-ispjegazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ***għandhom ikunu*** relatati b'mod partikolari ma':

(d) konformità mal-obbligi stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ***jew nazzjonali***

leġislazzjoni tal-Unjoni fil-qasam ***tal-liġi*** soċjali u tax-xogħol jew tal-liġi ambjentali jew tad-dispożizzjonijiet internazzjonali tal-liġi soċjali u ambjentali elenkati fl-Anness XI jew, fejn dawn ma jkunux applikabbli, ma' dispożizzjonijiet oħrajn li jiżguraw livell ekwivalenti ta' protezzjoni;

(e) il-possibilità li l-offerent jikseb għajnuna mill-Istat.

4. L-awtorità kontraenti għandha tivverifika l-informazzjoni pprovduta billi tikkonsulta lill-offerent. Din ***tista'*** tiċħad l-offerta ***biss*** fejn il-provi ma jiġġustifikawx il-livell baxx tal-prezz jew tal-ispejjeż mitluba, billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-elementi msemmija fil-paragrafu 3.

L-awtoritajiet kontraenti għandhom jiċħdu l-offerta, fejn ikunu stabbilixxew li l-offerta hija baxxa wisq għax ma tikkonformax ***mal-obbligi stabbiliti mil-leġislazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-liġi soċjali u tax-xogħol jew tal-liġi ambjentali jew tad-dispożizzjonijiet internazzjonali tal-liġi soċjali u ambjentali elenkati fl-Anness XI.***

Emenda 44

Proposta għal direttiva Artikolu 70

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 70

Kundizzjonijiet għat-twettiq ta' kuntratt

L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jistabbilixxu kundizzjonijiet speċjali relatati mat-twettiq ta' kuntratt, dejjem jekk dawn jiġu indikati fis-sejħa għall-kompetizzjoni jew fl-ispeċifikazzjonijiet. Dawk il-kundizzjonijiet jistgħu, b'mod partikolari jikkonċernaw

u/jew ftehimiet kollettivi fil-qasam ***tad-dispożizzjonijiet għall-ħarsien*** soċjali u tax-xogħol ***u l-kundizzjonijiet tax-xogħol*** jew tal-liġi ambjentali jew tad-dispożizzjonijiet internazzjonali tal-liġi soċjali u ambjentali elenkati fl-Anness XI jew, fejn dawn ma jkunux applikabbli, ma' dispożizzjonijiet oħrajn li jiżguraw livell ekwivalenti ta' protezzjoni;

(e) il-possibilità li l-offerent jikseb għajnuna mill-Istat.

4. L-awtorità kontraenti għandha tivverifika l-informazzjoni pprovduta billi tikkonsulta lill-offerent. Din ***għandha*** tiċħad l-offerta fejn il-provi ma jiġġustifikawx il-livell baxx tal-prezz jew tal-ispejjeż mitluba, billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-elementi msemmija fil-paragrafu 3, ***jew meta l-ġustifikazzjoni li tingħata ma tkunx biżżejjed.***

L-awtoritajiet kontraenti għandhom jiċħdu l-offerta, fejn ikunu stabbilixxew li l-offerta hija baxxa wisq għax ma tikkonformax ***mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3(d).***

Emenda

Artikolu 70

Kundizzjonijiet għat-twettiq ta' kuntratt

L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jistabbilixxu kundizzjonijiet speċjali relatati mat-twettiq ta' kuntratt, dejjem jekk dawn jiġu indikati fis-sejħa għall-kompetizzjoni jew fl-ispeċifikazzjonijiet. Dawk il-kundizzjonijiet jistgħu, b'mod partikolari jikkonċernaw

kunsiderazzjonijiet soċjali u ambjentali. Huma jinkludu wkoll ir-rekwiżit li atturi ekonomiċi jipprevedu kumpensi għar-riskji ta' żidiet fil-prezzijiet li huma r-riżultat ta' fluttwazzjonijiet fil-prezzijiet (hedging) u li jistgħu jaffettwaw b'mod sostanzjali it-twertiq ta' kuntratt.

kunsiderazzjonijiet soċjali u ambjentali **u għandhom jinkludu obbligi stabbiliti mill-Unjoni u/jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali u/jew il-ftehimiet kollettivi fil-qasam tad-dispożizzjonijiet għall-ħarsien soċjali u tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol jew il-liġi ambjentali jew tad-dispożizzjonijiet tal-liġi internazzjonali soċjali u ambjentali elenkati fl-Anness XI, li huma fis-seħħ fl-Istat Membru, fir-reġjun jew fil-lokalità fejn jitwettqu x-xogħlijiet jew jiġu pprovduti s-servizzi.** Huma jinkludu wkoll ir-rekwiżit li atturi ekonomiċi jipprevedu kumpensi għar-riskji ta' żidiet fil-prezzijiet li huma r-riżultat ta' fluttwazzjonijiet fil-prezzijiet **bl-użu ta' strateġiji ta' hedging differenti inkluż l-użu ta' formoli għall-adozzjoni tal-prezzijiet** u li jistgħu jaffettwaw b'mod sostanzjali it-twertiq ta' kuntratt.

Ġustifikazzjoni

L-obbligi rigward il-ħarsien soċjali u tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol għandhom jiġu stipulati b'mod ċar fil-klawżoli tal-prestazzjoni tal-kuntratt, sabiex jiġi żgurat li dawn jiġu rispettati.

Emenda 45

Proposta għal direttiva Artikolu 71 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fid-dokumenti tal-akkwist, l-awtorità kontraenti **tista'** titlob jew tista' tkun meħtieġa minn Stat Membru li titlob lill-offerent sabiex fl-offerta tiegħu jindika kwalunkwe sehem mill-kuntratt li hu jista' jkollu l-ħsieb li jagħti bħala sottokuntratt lil partijiet terzi u jindika anki kwalunkwe sottokuntratturi proposti.

Emenda

1. Fid-dokumenti tal-akkwist, l-awtorità kontraenti **għandha** titlob jew tista' tkun meħtieġa minn Stat Membru li titlob lill-offerent sabiex fl-offerta tiegħu jindika kwalunkwe sehem mill-kuntratt li hu jista' jkollu l-ħsieb li jagħti bħala sottokuntratt lil partijiet terzi u jindika anki kwalunkwe sottokuntratturi proposti, **filwaqt li tiġi pprovduta informazzjoni dwar is-sottokuntrattur inklużi l-ismijiet, id-dettalji tal-kuntatt u r-rappreżentanti legali.**

Ia. Fid-dokumenti tal-akkwist, l-awtorità kontraenti għandha tistipula li l-

kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li japplikaw għall-offerent japplikaw ukoll għal partijiet terzi li jwettqu parti mill-kuntratt bħala sottokuntratturi.

1b. Kwalunkwe tibdil fil-katina tas-sottokuntrattar għandu jkun propost mill-operatur ekonomiku u approvat mill-awtorità kontraenti. Fil-każ li l-bidla proposta tkun ukoll dwar l-involviment ta' sottokuntrattur ġdid, il-kuntrattur prinċipali għandu jindika ismu, id-dettalji tal-kuntatt u r-rappreżentanti legali.

1c. It-tibdil propost se jkun miċħud jekk ma jiżgurax l-osservanza ta' punt 1a.

7. L-awtorità kontraenti fil-kuntratt tagħha mal-kuntrattur prinċipali, u l-kuntrattur prinċipali u kwalunkwe sottokuntrattur intermedjarju fil-kuntratti tagħhom ma' sottokuntratturi tagħhom, għandhom jistipulaw li fil-każ li jkollhom raġuni biex jemmnu li sottokuntrattur immedjat tagħhom ikun kiser ir-regoli msemmija fil-tieni subparagrafu, is-sottokuntrattur immedjat għandu jieħu azzjoni immedjata biex jirrimedja s-sitwazzjoni, u li, f'nuqqas ta' dan, il-kuntratt ikkonċernat għandu jiġi mitmum.

8. Jekk it-terminazzjoni tal-kuntratt u l-bdil tas-sottokuntrattur ikkonċernat jieħu l-forma ta' trasferiment ta' impriża, kif definit fl-Direttiva 2001/23/KE, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva.

Emenda 46

Proposta għal direttiva Artikolu 72 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Madanakollu, l-ewwel subparagrafu ma għandux japplika fil-każ ta' suċċessjoni universali jew parzjali fil-pożizzjoni tal-kuntrattur inizjali, wara operazzjonijiet ta'

Emenda

Madanakollu, l-ewwel subparagrafu ma għandux japplika fil-każ ta' suċċessjoni universali jew parzjali fil-pożizzjoni tal-kuntrattur inizjali, wara operazzjonijiet ta'

ristrutturar korporattiv jew insolvenza ta' attur ekonomiku ieħor li jissodisfa l-kriterji tal-għażla kwalitattiva inizjalment stabbiliti, dejjem jekk din ma twassalx għal modifiki sostanzjali oħrajn għall-kuntratt u ma għandhiex l-għan li tevita l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

ristrutturar korporattiv jew insolvenza ta' attur ekonomiku ieħor li jissodisfa l-kriterji tal-għażla kwalitattiva inizjalment stabbiliti, dejjem jekk din ma twassalx għal modifiki sostanzjali oħrajn għall-kuntratt u ma għandhiex l-għan li tevita l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. ***Lanqas ma għandu japplika l-ewwel subparagrafu fil-każ ta' ristrutturazzjoni tal-awtorità kontraenti, peress li l-awtorità kontraenti għandha d-dritt li tittrasferixxi l-ftehim lil parti terza, li tkun responsabbli għad-dmirijiet tal-awtorità kontraenti.***

Emenda 47

Proposta għal direttiva Artikolu 73 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li skont il-kundizzjonijiet determinati mil-liġi kuntrattwali nazzjonali applikabbli, l-awtoritajiet kontraenti jkollhom il-possibilità li jitterminaw kuntratt pubbliku matul it-terminu tiegħu ***fejn*** tiġi sodisfatta waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-liġi kuntrattwali nazzjonali hija segwita meta jintemm kuntratt ta' akkwist pubbliku. L-Istati Membri jistgħu***, skont il-kundizzjonijiet determinati mil-liġi kuntrattwali nazzjonali applikabbli, meta jagħtu lill-awtoritajiet kontraenti l-possibilità li jitterminaw kuntratt pubbliku matul it-terminu tiegħu, ***jeżiġu*** li tiġi sodisfatta waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

Emenda 48

Proposta għal direttiva Artikolu 73a (ġdid) fi ħdan titolu III – kapitolu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom diskrezzjoni wiesgħa sabiex jorganizzaw l-għażla tal-fornituri tas-servizzi b'mod li huma jqisu li hu l-aktar xieraq u huma liberi li jipprovdu huma stess, servizzi soċjali u servizzi oħra speċifiċi jew sabiex

jorganizzaw il-forniment tagħhom b'mod li ma jinkludix il-konklużjoni ta' kuntratti pubbliċi. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal proċeduri nazzjonali speċifiċi, pereżempju proċeduri li huma bbażati fuq l-għażla ħielsa tal-utent ta' fornituri ta' servizzi, jiġifieri s-sistema ta' vawċer, il-mudell ta' għażla ħielsa, ir-relazzjoni trijangolari, jew il-prinċipju li l-fornituri kollha ta' servizzi soċjali jew speċifiċi oħra li huma kapaċi jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li kienu stabbiliti bil-liġi għandhom, irrISPETTIVAMENT mill-forma legali tagħhom, ikollhom permess jipprovdur servizzi, bil-kundizzjoni li l-prinċipji ġenerali tat-trattament ugwali, it-trasparenza u n-nondiskriminazzjoni jiġu rispettati.

Emenda 49

Proposta għal direttiva Artikolu 76 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jimplementaw proċeduri xierqa għall-għoti ta' kuntratti soġġetti għal dan il-Kapitolu, li jiżguraw konformità sħiħa mal-prinċipji ta' trasparenza u trattament ugwali tal-atturi ekonomiċi u li jippermettu lill-awtoritajiet kontraenti sabiex jieħdu f'kunsiderazzjoni l-ispeċifitàjiet tas-servizzi inkwistjoni.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jimplementaw proċeduri xierqa għall-għoti ta' kuntratti soġġetti għal dan il-Kapitolu, li jiżguraw konformità sħiħa mal-prinċipji ta' trasparenza, **nondiskriminazzjoni** u trattament ugwali tal-atturi ekonomiċi u li jippermettu lill-awtoritajiet kontraenti sabiex jieħdu f'kunsiderazzjoni l-ispeċifitàjiet tas-servizzi inkwistjoni.

Emenda 50

Proposta għal direttiva Artikolu 76 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kontraenti **jistgħu** jieħdu f'kunsiderazzjoni l-ħtieġa li jiżguraw il-

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kontraenti jieħdu f'kunsiderazzjoni l-ħtieġa li jiżguraw il-

kwalità, il-kontinwità, l-aċċessibilità, id-disponibilità u l-komprensività tas-servizzi, il-ħtiġijiet speċifiċi tal-kategoriji differenti ta' utenti, l-involvement u s-setgħa tal-utenti u l-innovazzjoni. L-Istati Membri **jistgħu jiddeċiedu** wkoll li l-għażla tal-fornitur tas-servizzi ma **għandhiex tittieħed** fuq il-bażi unika tal-prezz għall-forniment tas-servizz.

kwalità **għolja**, il-kontinwità, l-aċċessibilità, **l-affordabbiltà**, id-disponibilità u l-komprensività tas-servizzi, il-ħtiġijiet speċifiċi tal-kategoriji differenti ta' utenti, **inklużi l-gruppi żvantaġġjati u vulnerabbli, is-sodisfazzjon tal-utenti, l-inklużjoni soċjali**, l-involvement u s-setgħa tal-utenti u **fejn rilevanti**, l-innovazzjoni. L-Istati Membri **għandhom jipprevedu** wkoll li l-għażla tal-fornitur tas-servizzi ma **ssirx** fuq il-bażi unika tal-prezz għall-forniment tas-servizz. **Meta jfasslu l-kriterji ta' kwalità, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jirreferu għall-kriterji stabbiliti fil-Qafas Ewropew volontarju għall-Kwalità għal Servizzi Soċjali.**

2a. L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jagħżlu li jillimitaw il-parteċipazzjoni fi proċedura għall-għoti tas-servizzi soċjali u tas-saħħa lil organizzazzjonijiet bla profitt, sakemm il-liġi nazzjonali li hija kompatibbli mal-liġi Ewropea tipprovdi għal aċċess ristrett għal ċerti servizzi għall-benefiċċju ta' organizzazzjonijiet bla profitt, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Is-sejħa għal kompetizzjoni għandha tagħmel referenza għal din id-dispożizzjoni. Il-prinċipji bażiċi ta' trasparenza u trattament ugwali għandhom jiġu rispettati.

Emenda 51

Proposta għal direttiva
Artikolu 84 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

8a. Ir-rapport annwali għandu jinkludi wkoll paragon annwali bejn il-prezzijiet mibgħuta u l-ispiża attwali ta' kuntratti li diġà ġew imwettqa u l-influenza potenzjali fuq in-numru ta' persunal impjegat mill-fornituri.

Emenda 52

Proposta għal direttiva

Artikolu 85 – subparagrafu 1 – punt (e)

Test propost mill-Kummissjoni

(e) isem l-offerent li jintgħażel u r-raġunijiet għalfejn intgħażlet l-offerta tiegħu u, fejn dan ikun magħruf, is-sehem tal-kuntratt jew tal-ftehim qafas li l-offerent li jintgħażel beħsiebu jagħti bħala sottokuntratt lil partijiet terzi;

Emenda

(e) isem l-offerent li jintgħażel u r-raġunijiet għalfejn intgħażlet l-offerta tiegħu u, fejn dan ikun magħruf, is-sehem tal-kuntratt jew tal-ftehim qafas li l-offerent li jintgħażel beħsiebu jagħti bħala sottokuntratt lil partijiet terzi ***u l-informazzjoni dwar is-sottokuntratturi tiegħu inkluż isimhom, id-dettalji fejn jistgħu jiġu kkuntattjati u r-rappreżentanti legali tagħhom;***

Emenda 53

Proposta għal direttiva

Artikolu 87 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-atturi ekonomiċi interessati jkollhom aċċess faċli għal informazzjoni xierqa dwar l-obbligi relatati mat-taxxi, il-protezzjoni ambjentali, u ***l-obbligi legali*** soċjali ***u tax-xogħol***, li huma fis-seħħ fl-Istat Membru, fir-reġjun jew lokalità fejn *ix-xogħolijiet* għandhom jitwettqu jew fejn is-servizzi għandhom jiġu pprovduti u li se jkunu applikabbli *għax-xogħolijiet* imwettqa fuq il-post jew għas-servizzi pprovduti matul it-twettiq tal-kuntratt.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-atturi ekonomiċi interessati jkollhom aċċess faċli għal informazzjoni xierqa dwar l-obbligi relatati mat-taxxi, il-protezzjoni ambjentali, u ***għad-dispożizzjonijiet għall-ħarsien*** soċjali ***u tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol***, li huma fis-seħħ fl-Istat Membru, fir-reġjun jew lokalità fejn *ix-xogħolijiet* għandhom jitwettqu jew fejn is-servizzi għandhom jiġu pprovduti u li se jkunu applikabbli *għax-xogħolijiet* imwettqa fuq il-post jew għas-servizzi pprovduti matul it-twettiq tal-kuntratt. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kontraenti jiddikjaraw fejn tista' tinstab l-informazzjoni fid-dokumenti tal-kuntratt.***

Emenda 54

**Proposta għal direttiva
Anness VIII – punt 2 – parti introduttorja**

Test propost mill-Kummissjoni

“standard” tfisser speċifikazzjoni teknika approvata minn *korp* ta’ standardizzazzjoni *rikonoxxut* għal *applikazzjoni repetuta* jew *kontinwa*, li l-konformità magħha mhijiex obbligatorja u li taqa’ f’ waħda mill-kategoriji li ġejjin:

Emenda 55

**Proposta għal direttiva
Anness XVI – punt 6**

Test propost mill-Kummissjoni

Servizzi mogħtija minn trade unions

Emenda

‘standard’ tfisser speċifikazzjoni teknika *stabbilita b’kunsens u* approvata minn *organizzazzjoni* ta’ standardizzazzjoni *rikonoxxuta* għal *użu repetut* jew *kontinwu*, li l-konformità magħha mhijiex obbligatorja u li taqa’ f’ waħda mill-kategoriji li ġejjin:

Emenda

imħassar

Servizzi mediċi ta' emerġenza

Skola u trasport tal-istudenti

PROĊEDURA

Taqsim	Akkwist pubbliku		
Referenzi	COM(2011)0896 – C7-0006/2012 – 2011/0438(COD)		
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 17.1.2012		
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	EMPL 17.1.2012		
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Birgit Sippel 16.2.2012		
Eżami fil-kumitat	31.5.2012	10.7.2012	17.9.2012
Data tal-adozzjoni	18.9.2012		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 30	–: 1	0: 11
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Edit Bauer, Heinz K. Becker, Phil Bennion, Vilija Blinkevičiūtė, Philippe Boulland, David Casa, Alejandro Cercas, Ole Christensen, Derek Roland Clark, Marije Cornelissen, Emer Costello, Andrea Cozzolino, Frédéric Daerden, Karima Delli, Sari Essayah, Richard Falbr, Thomas Händel, Nadja Hirsch, Stephen Hughes, Danuta Jazłowiecka, Martin Kastler, Ádám Kósa, Veronica Lope Fontagné, Olle Ludvigsson, Thomas Mann, Elisabeth Morin-Chartier, Csaba Óry, Siiri Oviir, Rovana Plumb, Konstantinos Poupakis, Sylvana Rapti, Licia Ronzulli, Elisabeth Schroedter, Nicole Sinclair, Joanna Katarzyna Skrzydlewska, Jutta Steinruck		
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Georges Bach, Sergio Gutiérrez Prieto, Filiz Hakaeva Hyusmenova, Jelko Kacin, Svetoslav Hristov Malinov, Ramona Nicole Mănescu, Emilie Turunen		